# IL-PULIZIJA

Settembru 2021 • Vol 28 • Nru 2




PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS

NEWSPAPERPOST


NEW GREAT
TASTE
Sprite
LEMON–LIME
LOW SUGAR
Sprite
NEW
GREAT TASTE
100% NATURAL FLAVOURS
LET'S BE CLEAR

# Werrej


04 Il-Messaġġ tal-Kummissarju

06 Ejjew nibdlu u ninbidlu flimkien
Mill-Ispettur Matthew Attard

11 Questions & Answers
Minn Dr. Mary Muscat

15 L-Uffiċċju tal-Awditjar Intern
Mantoine D'Ambrogio-Araci

18 Dan l-aħħar
minn PC 2025 Charlene Cilia

26 Meta nikber nixtieq insir
minn PC 2025 Charlene Cilia

30 Kif nirregola l-emozzjonijiet tiegħi
Employee Support Programme Unit

33 Tagħmir Sezzjoni tal-Immigrazzjoni
mill-Uffiċċju tal-Proġetti

35 Il-Mezz ta' Identifikazzjoni
minn SM Joe Borg

39 Malta Police Union
minn Neville Mercieca

45 Police Officers Union
minn PS 1583 Steve Spiteri

49 Pensjonanti
Mill-MARPO

55 Paġna tal-Isports
Avvenimenti Sportivi

59 Rokna ta' tfal
Tpinġija mit-tfal

61 Apprezzamenti
Mingħand il-Kommunità

62 Obitwarju


# Editorjal

Kull distrett, branka jew uffiċċju għandha bżonijiet differenti f'dak li jirrigwardja riżorsi, imma naħseb li żgur naqblu li l-problema tar-riżorsa umana hija problema komuni għal kulħadd. Spiss ingergru li l-volum tax-xogħol huwa kbir wisq għall-ammont ta' nies disponibbli u ma nieħdux gost meta naraw li l-gruppi ta' rekluti ma' kull reklutaġġ qiegħed dejjem jonqos. L-ironija li mill-banda l-oħra ħafna minna, għalkemm il-Korp huwa l-għejxien ewlieni tagħna, jaħilfu li jekk uliedhom jew xi membru tal-familja jitħajjar jidħol fil-pulizija, jagħmlu minn kollox biex idawrulu fehmtu...x'ironija hux! Imma bħalma jgħidu mitt bniedem mitt fehma.

F'din l-edizzjoni għandna artiklu interessat relatat ukoll mar-ritratt tal-qoxra, fejn tifla tesprimi xewqa kbira u għandha ambizzjoni li la tikber tissieħeb mal-Korp. Il-ħajra bdiet meta ġiet ma ommha ġewwa l-bitħa tas-CID wara li kienu nsterqu xi affarijiet mill-karozza ta' ommha u osservat ir-reqqa u l-ħeġġa li biha ħadmu l-pulizija tal-Forensika. Azzjonijiet żgħar li lkoll nagħmluhom inkonxjament, imma li jagħmlu differenza. Inti li qed taqra, stazzjonat fejn int stazzjonat tista' tagħmel il-parti tiegħek biex flimkien mal-amministrazzjoni, li kif jixhed l-artiklu tal-Kummissarju hija konxju li għandna nuqqas tar-riżorsi umani, tgħin mhux biss bl-ideat imma anke bl-azzjonjiet tiegħek ta' kuljum.

# Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana




Ritratt mill-Uffiċċju tal-Kommunikazzjoni


**Disinn u Fotografija**
Jean Paul Vella
PC 920 - Clive Pace

**Nota ta' ringrazzjament**
Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew ***magazine.police@gov.mt***

**Riklamar**
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com
Stampar
GUTENBERG PRESS

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju



**Demm Ġdid fil-Korp**

Fl-aħħar ġimgħat segwejt b'attenzjoni diskussjoni li qamet dwar l-isfida biex il-Korp tal-Pulizija jattira iktar demm ġdid lejh. Dan wara li ġie stabbilit li fl-aħħar snin telqu aktar pulizija milli daħlu ġodda. Fil-fatt bejn l-2018 u l-aħħar ta' Awwissu 2021, il-Korp qiegħed fi żbilanċ ta' madwar 130 pulizija[1]. Kienu diversi dawk li qasmu l-fehmiet tagħhom u probabbilment kulħadd kellu nitfa raġun f'dak li qal.

Bħala fatt din hija realtà li qed jaffaċċjaw korpi tal-pulizija oħrajn madwar id-dinja. Ċertament li dan mhux ta' soljev għalina u l-amministrazzjoni tal-Korp qed tanalizza din is-sitwazzjoni b'reqqa sabiex tifhem aħjar ir-raġunijiet wara dan kollu. Naturalment il-fatt li f'dal-mument il-pajjiż jinsab fi stat ta' full employment ifisser li kull settur, kemm dak pubbliku u anke dak privat, qed jaffaċċja dawn l-istess diffikultajiet.

Il-Korp tal-Pulizija jrid b'diversi modi jikkompeti ma' organizzazzjonijiet oħra li lkoll kemm huma għandhom l-għan li jattiraw l-istess grupp ta' riżorsa umana. Filwaqt li wieħed irid jirrikonoxxi t-titjib kbir li sar fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-pulizija, inkluż sigħat ta' xogħol u salarji aħjar minn dawk li konna mdorrijin bihom sa ftit tas-snin ilu, anke grazzi għall-ħidma sfiqa tal-unjins, irridu nammettu li huwa kemxejn diffiċli li nikkompetu mal-privat f'dan l-aspett.

U jekk kull wieħed u waħda minna jieqaf ftit u jaħseb, persważ li l-maġġoranza assoluta tagħna nirrealizzaw li ma dħalniex fil-Korp minħabba salarji attraenti aktar minn ta' setturi oħra. U allura wieħed bilfors irid jirrikonoxxi li ħafna minna ġejna attirati lejn il-Korp proprju għaliex din hija professjoni li tipprovdi lil kull wieħed u waħda minna diversi opportunitajiet biex nimirħu fil-karriera tagħna. Dan apparti s-sodisfazzjon kbir li jagħtina dan ix-xogħol li jiżboq bil-bosta kull inċentiv ieħor.

Magħdud ma' dan kollu hemm il-fattur tar-rispett u l-fiduċja li l-Korp tal-Pulizija jgawdi fis-soċjetà. Aktar ma l-Korp ikun fdat u rispettat aktar ikunu dawk li jagħmlu kuraġġ biex jingħaqdu magħna. Kien hemm mumenti fejn il-Korp seta' naqqas mill-fiduċja tan-nies. Kien proprju f'dal-kuntest li tellaqna ħidma sabiex il-Korp jiġġedded sabiex jibqa' istituzzjoni rilevanti f'soċjetà dinamika, fejn l-uniku ħaġa kostanti hija l-bidla.

Proprju sena ilu l-Korp tal-Pulizija vara Strateġija ta' Trasformazzjoni, pjan ta' azzjoni ambizzjuż mifrux fuq perjodu ta' ħames snin. L-ewwel fost it-tliet għanijiet prinċipali ta'

---

[1] *Mill-banda l-oħra, fl-istess perjodu l-Korp irreġistra bilanċ pożittiv ta' 40 membru aktar, liema impjegati ġew ingaġġati biex iwettqu mhux biss xogħol amministrattiv imma wkoll funzjonijiet operattivi, inkluż analisti u uffiċjali tal-forensika. Dan kollu huwa parti minn strateġija li l-Korp qed jaddotta sabiex ikun aktar effettiv u effiċjenti f'ħidmietu.*

din l-Istrateġija huwa fil-fatt li naraw li nsaħħu l-leġittimità tagħna fis-soċjetà u allura li nkabbru l-fiduċja tan-nies fina.

Dan kollu jista' jkun possibli jekk l-ewwel u fuq kollox ikollna uffiċjali u membri motivati li jirrikonoxxu li l-amministrazzjoni tal-Korp qed tagħmel dak kollu possibli sabiex mhux biss iżżid l-effiċjenza u l-effettività f'xogħolna, imma li dan tagħmlu f'qafas intiż li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nies tagħna.

U proprju dak li qed nagħmlu b'diversi proġetti li embarkajna fuqhom fl-aħħar xhur. Fuq quddiem nett kellna tfassil u implimentazzjoni ta' policies intiżi li jħaddnu aktar il-kunċett ta' governanza tajba, inkluż proċessi ta' ċaqliq intern aktar trasparenti u bbażat fuq il-prinċipju ta' meritokrazija. Però nqis daqstant ieħor importanti t-titjib kontinwu fl-ambjent li noperaw fih, għodda aktar moderna u aktar adekwata għall-ħidma tagħna, taħriġ kontinwu lill-membri tagħna u programmi ta' sapport u wellbeing, fost oħrajn.

Grazzi għalikom li toperaw fid-diversi setturi tal-Korp, fl-aħħar xhur il-pubbliku beda jirrikonoxxi aktar il-ħidma tagħna sabiex b'hekk skont l-aħħar stħarriġ tal-Eurobarometer il-Korp tal-Pulizija kompla jkabbar il-fiduċja tan-nies fih. Fil-fatt, f'sena l-Korp żied il-fiduċja b'6% minn 54% għal 60%.

Dan kollu juri li, filwaqt li bdejna t-twettiq tal-viżjoni tal-Korp, dik '**li l-komunità tafdana sabiex niżguraw soċjetà sikura għal kulħadd**', il-vjaġġ hu wieħed twil u rridu nibqgħu ffukati sabiex jum wara l-ieħor inkomplu fit-twettiq tal-missjoni tagħna, dik '**li nipprovdu servizz professjonali u fdat sabiex niżguraw pajjiż sigur fi sħubija mal-komunità.**'

Nagħlaq billi, f'isimkom, nawgura l-isbaħ affarijiet lil dawk kollha li fl-aħħar ġimgħat u xhur ġew promossi f'xi wieħed mid-diversi gradi fil-Korp, kemm uffiċjali u anke membri. Il-ħidma t-tajba lil kulħadd.

*DOMINE DIRIGE NOS*



# L-GĦANIJIET EWLENIN TAL-KAMPANJA ONTARGET

NIKKOMUNIKAW L-ISTRATEĠIJA TA' TRASFORMAZZJONI 2020-2025




## IBGĦATILNA S-SUĠĠERIMENTI TIEGĦEK FUQ ONTARGET.POLICE@GOV.MT

### Għarfien

Inqajmu għarfien fuq l-importanza ta' bidla trasformattiva fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

### Fiduċja

Nibnu u nsaħħu l-fiduċja interna billi nistabbilixxu trasformazzjoni komprensiva għal kultura tax-xogħol aħjar.

### Involviment

Noħolqu aktar involviment billi nikkontribwixxu għal pjan ta' azzjoni biex flimkien negħlbu l-ostakli u nilħqu l-għanijiet finali tagħna.

### Impenn

Flimkien nimpenjaw ruħna biex niffaċilitaw bidla f' servizz professjonali li tissodisfa l-aspettattivi tal-membri u tal-komunità.

ON TARGET
TRANSFORMATION STRATEGY 2020 - 2025

I'M PART OF THE CHANGE

# Ejjew nibdlu u ninbidlu flimkien

Mill-Ispettur Matthew Attard
Transformation & Change Management

L-Istrateġija ta' Trasformazzjoni hu pjan ambizzjuż fejn kellna l-kuraġġ li flimkien nidħlu għal dan il-vjaġġ biex flimkien intejbu l-operat tagħna minn kull aspett li jwassal għal servizz ta' kwalità. Meta wieħed jifhem din l-istrateġija fid-dettall jista' faċli jagħraf li hemm proġetti li diġà bdejna nwettqu bħal miżuri f' governanza tajba u investiment f' taħriġ u tagħmir iżda hemm proġetti li jridu snin biex jiġu konklużi bħal investimenti f'sistemi kbar ta' teknoloġija u informatika. Għalhekk hu importanti ħafna li barra li jkollna maniġġjar tal-proġetti bl-aktar mod effikaċi u effiċjenti jkollna wkoll immaniġġjar tajjeb tal-bidla.

L-Immaniġġjar tal-bidla huwa proċess li jinvolvi u jappoġġja lin-nies waqt li jagħmlu tranżizzjoni għal stat futur ġdid sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' trasformazzjoni u jitnaqqsu r-riskji. Meta wieħed iqis il-bidliet sinifikanti li diġà bdew u li se jkomplu jinħassu matul din it-trasformazzjoni, il-Korp għandu jkollu strateġija effettiva ta' bidla biex jinkisbu l-benefiċċji mixtieqa tat-trasformazzjoni.

L-istrateġija tal-bidla ġiet żviluppata madwar erba' oqsma ewlenin biex iwasslu b'suċċess bidla trasformattiva. Dawn jinkludu:

- **Tmexxija** - Il-Korp tal-Pulizija jeħtieġ mexxejja li jagħmlu l-missjoni u l-viżjoni tal-Korp tagħhom bl-eżempju ta' kuljum u l-istil tat-tmexxija. Kollha b' messaġġ wieħed u ċar.

- **Impenn** – Bżonn ta' impenn konġunt mill-impjegati kollha tal-Korp fejn kulħadd jifhem l-għan li tkun parti mill-bidla.

- **Ħiliet u Imġieba** – Kull impjegat tal-Korp jeħtieġ appoġġ permezz ta' programmi ta' taħriġ u tisħiħ tal-imġiba kif wieħed iħares lejn dan it-tibdil u l-impatt tagħhom.

- **Nisimgħu**- Il-ġbir ta' informazzjoni, suġġerimenti u statistika biex nifhmu aħjar dak li għandu jsir ibbażat fuq konsulenza bl-aktar mod wiesa' fejn imbagħad inkunu nistgħu nieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.

Din tinkludi wkoll bidla fil-mentalità u l-kultura li taf tkun l-akbar proċess ta' bidla li tieħu ż-żmien. It-tibdil ta' kultura huwa impenn fuq skala kbira li jinħtieġ strateġija u ppjanar bir-reqqa. Hu vitali li din trid tibda mill-ogħla persuni fit-tmexxija imbagħad ikun proċess mifrux mal-organizzazzjoni kollha. Din hija trasformazzjoni ta' Korp sħiħ fejn l-għarfien, il-fiduċja, l-involviment u l-impenn ta' kulħadd huwa wieħed vitali. Nifhem li bħala persuni b' karattri, esperjenzi u ideoloġija differenti nafu nħarsu lejn dan it-tibdil b'mod differenti. Dan m' għandux jaqtgħalna qalbna, sakemm il-ħsieb ikun wieħed ġenwin u b' intenzjoni tajba.

Huwa dritt u dmir ta' kull impjegat tal-Korp li jkun parteċipi f'din it-trasformazzjoni fejn żgur li kulħadd għandu x'joffri. Qegħdin niftħu u nkabbru ċirku ta' nies involuti bħal, l-irwol tal-Aġenti tal-Bidla fejn qed naraw, li permezz tagħhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu aktar nies. L-għan ta' dawn l-Aġenti tal-Bidla hu l-għarfien u li jippromwovu l-bidla. L-individwi li huma involuti f'dan l-irwol għandhom diversi rwoli, inkluż li jikkomunikaw bidliet lit-timijiet tagħhom u jirrappreżentaw ħtiġijiet u tħassib. Dan jagħmluh billi jużaw l-irwol tagħhom biex jiżguraw involviment u adozzjoni effiċjenti tal-bidla. Kunu kburin b' dan l-irwol li ġie fdat lilkom u ħajru lill-oħrajn ikunu bħalkom.

L-Amministrazzjoni jew l-uffiċċju inkarigat minn din l-Istraġija ta' Transformazzjoni waħedha żgur ma tistax tasal, għalhekk qed induru fuq kull wieħed u waħda minnkom biex din tkun il-missjoni ta' kull impjegat fil-Korp tal-Pulizija. Il-kampanja **ontarget.police@gov.mt** ġiet imnehdija biex tiffaċilità dan il-proċess, fejn nikkomunikaw magħkom dak li jkun qed isir u l-impatt ta' dik il-miżura jew proġett, filwaqt li nismgħu dak kollu li tridu tgħidulna li jirrigwardja l-Istrateġija tat-Trasformazzjoni. Jien konvint li fil-parti l-kbira tagħkom għandkom il-pożittività, l-enerġija u l-entużjażmu biex ikollna Korp fejn wieħed ikun kburi li jagħmel parti minnu filwaqt li jkollna l-fiduċja sħiħa tal-komunitajiet kollha.

**Għalhekk ejjew nibdlu u ninbidlu flimkien.**

hsbc.com.mt

# NEW HYBRID OR ELECTRIC CAR?

## SAME LOW RATE 4.0% APRC*



Get your environmentally friendly car with an **HSBC Green Loan.**
Apply online today.

HSBC | Opening up a world of opportunity

Representative example

*The Annual Percentage Rate of Charge (APRC) on a Green Loan of €20,000, repayable over 7 years at a fixed borrowing rate of 3.99% per annum, will be 4.0%. No processing fee is applicable for Green Loan applications. The loan will be repayable in 83 equal monthly instalments of €273.82 and one final instalment of €273.92. The total amount paid after 7 years will be €23,000.98.

Terms and conditions apply. Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c. (116, Archbishop Street, Valletta VLT1444). HSBC Bank Malta p.l.c. is a public limited company regulated by the Malta Financial Services Authority and licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). (Ref No. 114924 – 09/2021)


WE'RE STRONGER TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 e-mail: info@montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg




# Q & A

minn Dr Mary Muscat

Din ir-rubrika hi ntiża sabiex twieġeb domandi tal-qarrejja dwar il-liġi kriminali jew xi prattika marbuta mal-ġustizzja kriminali.

Il-korrispondenza tista' tintbagħat lili direttament fuq ***mary.muscat@um.edu.mt*** jew inkella ***muscatdrmary@gmail.com***



**Din il-mistoqsija saret mid-Distrett u tirrigwarda l-ħarsien tat-tfal.**

Nista' bħala pulizija, nakkompanja s-social workers biex jagħmlu spezzjonijiet id-dar (home visits)? U jekk sid id-dar jirrifjuta li jħallihom jidħlu, hu ksur ta' liġi? Jista' sid id-dar jirrifjuta li jittieħdu ritratti mis-social workers? Imma dan kollu ma jiġix ksur tad-data protection?

Il-liġi li tapplika hawn hi Kap 602, u mhux id-data protection. Is-setgħat tal-ħaddiema tad-Direttorat (kemm social workers u social worker professionals) huma deskritti f'Artiklu 11 tal-Liġi ta' Malta u hi importanti għall-pulizija li jkunu jafu dan id-dettall għaliex tista' ssir ħsara kbira lill-każ, speċjalment lill-evidenza. L-uffiċjal tad-Direttorat għandu s-setgħa li:

1. Jidħol u jispezzjona l-post fejn ikun jinsab il-minuri. Din mhix riferenza għad-dar biss, imma tista' tkun anki skola, abitazzjoni ta' membri oħra tal-familja li qed iżommu lill-minuri jew postijiet simili. Jiġifieri l-ebda ġenitur jew min għandu superviżjoni tal-minuri dak il-ħin li tintalab li jsir dħul u spezzjoni ma jista' jirrifjuta. Hemm konsegwenzi legali għal dan, anki fuq il-pulizija li ma jagħtix il-protezzjoni, li jfixkel jew li jiddeċiedi li jipproteġi lil sid il-post jew ġenitur tal-minuri.

2. Ikellem lill-minuri waħdu, mhux fil-preżenza tal-ġenitur/i. Fil-prattika, l-ħaddiema soċjali ma jaħdmux individwalment iżda dejjem fi grupp ta' tnejn.

3. Din hi importanti għaliex tegħleb saħansitra il-Liġi tad-Data Protection: 11(ċ) "jitlob li tingħatalu kull informazzjoni li tista' tkun raġonevolment meħtieġa għall-investigazzjoni".

4. Isaqsi lil min hu relevanti għall-investigazzjoni mistoqsijiet relatati.

5. Din is-setgħa hi waħda ċara u tassattiva: teħid ta' ritratti, filmati u reġistrazzjoni li sservi bħala evidenza. Iva, is-social worker jista' jieħu ritratti u jirreġistra dak li hemm bżonn u din is-setgħa tissupera dik tad-Data Protection, basta tkun relevanti għall-investigazzjoni.

6. Jikseb kull forma oħra ta' dokumentazzjoni fis-sens wiesgħa tat-terminu legali 'dokument'.

Min ifixkel ħaddiem soċjali fil-qadi tad-doveri tiegħu jista' jaffaċċja diversi akkużi u pieni li jvarjaw bejn €1500 sa €10,000 u /jew priġunerija. Pereżempju, użu ta' forza, theddid u li ġġiegħel social worker jirrinunzja għall-aċċess tal-minuri hi offiża, bħalma hu tfixkil tal-eżekuzzjoni ta' ordni tal-Qorti, jew tfixkil fid-doveri msemmija hawn fuq.





PORCELANOSA

ARTIC WHITE: Floor tile (80x80cm) Wall tile (120x45cm)

SATARIANO
122, Msida Valley B'Kara


START
WITH A
CHEERS
CISK
LAGER BEER
MALTA'S FINEST
TRADE
MARK
CISK
LAGER BEER
ORIGINAL RECIPE
SINCE 1929
INDEPENDENT BREWERS SINCE
SINCE
1929
CISK
#StartSomething
drinkawaremalta.com
for the facts



# L-Uffiċċju tal-Awditjar Intern

Mill-Awditur Mantoine D'Ambrogio-Araci

Li nwassal il-messaġġ tiegħi lil iktar minn elfejn kollega żgur mhux se tkun faċli, u għalkemm se nagħmel li nista' sabiex jasal, nitlobkom tikkumpatuni jekk b'xi mod ma jirnexxilix f'din l-ewwel komunikazzjoni tiegħi.

Bħalma diġà smajtu, fit-3 ta' Mejju 2021, jien ingħaqadt mal-Korp tal-Pulizija u ġejt fdat sabiex inwaqqaf l-Internal Audit (IA) Office fi ħdan il-Korp. Fil-passat, jien għamilt 16-il sena naħdem fis-settur privat, inizjalment fl-IT u eventwalment fl-amministrazzjoni. Wara, għamilt 12-il sena naħdem man-National Audit Office, fejn għall-ewwel kont nagħmel performance audits u wara investigazzjonijiet u sussegwentement imxejt għall-Enemalta fejn fi tmien snin waqqaft u mexxejt l-Internal Audit Office. Bażikament dan huwa jien minn perspettiva professjonali.

Fuq nota personali, nista' ngħid li jiena raġel tal-familja u għandi tifel. Il-passatempi tiegħi huma l-qari, mixi, tisjir u xogħol tal-injam. Fil-ħin liberu tiegħi nħobb nirriċerka u nikkollezzjona oġġetti militari u nipprova dejjem insib modi biex il-ħajja nżommha kemm jista' jkun interessanti u li ttini sodisfazzjon.

Biex nerġa' ndur lura għas-suġġett dwar ix-xogħol tiegħi magħkom, nixtieq ngħid x'inhu l-IA. L-IA għandu sfida b'żewġ objettivi prinċipali:

1. Li jagħti assigurazzjoni lix-shareholder li f'dan il-każ huwa ċ-ċittadin li jħallas it-taxxa. Li jassigura li l-organizzazzjoni miexja b'tali mod li l-objettivi li ddikkjarat li għandha, qed jintlaħqu billi jiġu segwiti t-3 Es; l-ekonomija, l-effiċċjenza u effettività.

2. Fl-istess ħin, bħala awditjar intern, l-IA għandu mandat li jagħti sapport lill-amministrazzjoni tal-organizzazzjoni billi joffri konsultazzjoni u pariri, jiddiskuti inizzjattivi, policies, operazzjonijiet u proċeduri qabel ma dawn jiġu implimentati. F'terminu tekniku nirreferu għal dan ix-xogħol bħala a priori u nimxu mal-prinċipju **prevention is better than cure.**

Nista' nibqa' sejjer nispjega fit-tul u nikteb volumi sħaħ fuq dan is-suġġett iżda dan mhuwiex l-għan ta' din il-komunikazzjoni. L-għan prinċipali huwa li nintroduċi l-irwoli, il-funzjoni u lili nnifsi magħkom. Fi kliem qasir, bħala IA nistinkaw biex inżidu valur u dan billi nipproponu rakkomandazzjonijiet sabiex intejbu l-operat tal-Korp tal-Pulizija. Aħna nagħmlu parti mill-Korp bħalkom u rridu nistinkaw għall-istess għanijiet u nwettqu l-missjoni u l-objettivi tal-Korp.

Nagħmlu dan b'mod sistematiku billi nevalwaw u ntejbu l-effettività ta' risk management, kontroll intern u proċess ta' governanza tajba, biex b'hekk il-Korp irendi aħjar u dawk kollha involuti, kemm interni u dawk esterni, jirrikonoxxu dan it-titjib. Fi kliem eħfef irridu niżguraw li l-kontabbiltà, trasparenza, konformità mal-liġi, regoli u li l-proċeduri jkunu preżenti f'dak kollu li jsir mill-Korp. Dan isir f'qafas fejn it- 3 Es jirrenjaw fuq kollox u x-xogħol tagħna jitwettaq b'sinjifikat li finalment iwassal għal riżultati mixtieqa.
F'dan l-istadju nenfasizza li m'għandhiex tkun kwistjoni ta' aħna u intom iżda importanti li kulħadd jiġbed l-istess ħabel. Is-suċċess tal-Eżekuttiv huwa s-suċċess tagħna bħala IA.

Irrid inserraħ ras kulħadd li miniex nistenna li x-xemx se tibda tiddi fuq il-Korp mat-twaqqif tal-IA. Jien l-ewwel wieħed dejjem irrispettajt il-Korp u bħala ċittadin dejjem kont konxju tax-xogħol u l-isforzi, ħafna drabi b'sagrificcji personali, li jsiru kemm mill-uffiċjali pajżana kif ukoll dawk




bl-uniformi. Naf ukoll li ħafna mid-drabi ċertu xogħol li jsir ma jidhirx u b'hekk ma jirċievi l-ebda ġieħ mill-pubbliku.

Kif diġà spjegajt, bħala IA, ix-xogħol tiegħi huwa li nkompli nibni fuq it-tajjeb li diġà nkiseb, ħalli umilment inkomplu ntejbu għal ġid ta' kulħadd.

Il-kollega tiegħi, l-Ispettur Bernard Bunce, li wkoll huwa stazzjonat fl-Internal Audit Office qiegħed jagħti s-sapport tiegħu sabiex inwettaq il-missjoni tiegħi f'dan il-qasam. Is-Sur Bunce qiegħed jgħin sabiex nifhem is-sistema kemm jista' jkun malajr, filwaqt li qed jaħdem sabiex titwaqqaf din il-funzjoni ġdida, għaliex l-ebda konsulent jew awditur ma jista' joħroġ b'pariri tajba, prattiċi u bis-sens jekk propju ma jifhimx lill-'klijent' tiegħu. Għalhekk l-Ispettur Bunce, bl-esperjenza tiegħu fil-Korp tal-Pulizija, jista' jgħini biex nifhem aħjar.

Madanakollu, l-IA ma tistax taħdem f'iżolament – aħna bħala awdituri ma nistgħux ningħalqu ġo xi torri tal-avorju u ninqatgħu minn kulħadd. It-tir ewlieni tiegħi hu li nikkomunika magħkom kollha. Il-kelma awditjar ġejja mill-kelma Latina 'audire', li tfisser tisma' u dan huwa preċiżament l-irwol tagħna – li nħossu l-polz tal-klijent u sussegwentement nanalizzaw dak li nsibu biex eventwalment noħolqu rakkommandazzjonijiet ġusti biex fl-aħħar mill-aħħar dejjem insaħħu dak 'il-polz'.

Bla dubju, id-dokument tat-Trasformazzjoni u l-Istrateġija 2020-2025 m'għandu bżonn tal-ebda introduzzjoni. Dan kien element li kkonvinċini li posti huwa mal-Korp tal-Pulizija. Dan id-dokument juri li l-Korp tal-Pulizija jixtieq il-bidla u lest jaċċettaha. Dan jagħmel il-ħajja taghna fl-IA, waħda iktar faċli, fis-sens li se nkunu qegħdin naħdmu ma' min verament irid il-bidla. L-irwol tagħna bħala awdituri se jkun li niffaċilitaw u nħaffu din il-bidla. Kif semmejt qabel, dan jista' jkun possibbli biss bis-sapport tal-amministrazzjoni u tal-Korp tal-Pulizija bħala entità kollettiva u b'hekk inkunu nistgħu niksbu dak li hemm fid-dokument tat-Trasformazzjoni u l-Istrateġija. Għalina, dan huwa dokument ħaj u jien ċert li huwa l-istess għalikom ilkoll.

Nagħlaq billi ntenni li l-uffiċċju tagħna qiegħed hemm sabiex jgħin, pero aħna niddependu fuq is-sapport ta' kull wieħed u waħda minnkom biex niksbu l-għanijiet ewlenija – għanijiet li jissinkronizzaw u jsaħħu l-objettivi kollettivi tal-Korp.

Nirringrazzjakom bil-quddiem u ninsab ċert li flimkien se naħdmu sew.

# NAGĦMLUHA IKTAR FAĊLI GĦALIK

## MAKING IT EASIER

### INŻURU KULL LOKALITA

ISSA ANKE WARA NOFSINHAR

### VISITING EVERY LOCALITY

NOW ALSO IN THE AFTERNOON

Ara liema huma dawk l-oġġetti li tista' ġġib fir-Roadshow Trucks
Items that can be dropped off at our Roadshow Trucks

**Ħwejjeġ**
Clothes

**Plastik**
Plastic

**Metall**
Metal

**Żejt tat-Tisjir**
Cooking Oil

**Bozoz tad-Dawl u Tubi tad-Dawl**
Light Bulbs & Neon Tubes

**Važetti u Fliexken tal-Ħġieġ**
Glass Bottles & Jars

**Karta u Kartun**
Paper & Cardboard

**Batteriji Żgħar**
Household Batteries

**Basktijiet**
Bags

**Polystyrene**
Polystyrene

**Borom u Taġnijiet**
Pots & Pans

**Apparat Eletroniku Żgħir**
Small Electronics

**Żebgħa u Solventi**
Paints & Solvents

**Bottijiet tal-Isprej**
Aerosol Sprays

8007 2200
WasteServ
wsm.com.mt/roadshow

# Dan l-aħħar

minn WPC 25 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni



## 09 ta' April
### Iffirmat ftehim li se jwassal għal ġustizzja aktar effettiva

Il-Ministru Edward Zammit Lewis flimkien mal-Ministru Byron Camilleri indirizzaw konferenza tal-aħbarijiet fejn ġie ffirmat ftehim bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali, liema ftehim ser iwassal għal koperazzjoni aktar effettiva bejn iż-żewġ entitajiet.



## 15 ta' April
### 29 kuntistabbli promossi bħala surġenti

Fil-15 t'April, f'ċerimonja qasira ġewwa d-depot tal-Pulizija, 29 kuntistabbli ngħataw promozzjoni bħala surġenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija fakkar lis-surġenti li x-xogħol tagħna huwa vokazzjoni li trid issir professjoni, l-importanza li nagħtu servizz professjonali, inżidu l-fiduċja tan-nies fina u fl-aħħar li noffru sigurtà liċ-ċittadin.

Il-Ministru Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija awguraw lis-surġenti promossi filwaqt li rringrazzjawhom tas-servizz tagħhom.




## 22 ta' April
### Titwaqqaf l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità

Nhar it-22 t'April, il-Ministru Byron Camilleri ħabbar it-twaqqif tal-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità. Wieħed mill-għanijiet ta' din l-aġenzija hu li l-vittmi jingħataw il-prijorità mistħoqqa sabiex l-istess vittmi jkunu protetti bl-aqwa mod possibbli. "Jeħtieġ li l-vittma nagħtuha l-appoġġ kollu neċessarju wara li tkun ġarrbet u jien konvint li din l-Aġenzija se tagħmel id-differenza," tenna l-Ministru Camilleri.

Is-Sur Brian Farrugia, il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija semma sensiela ta' servizzi li se tkun qed toffri l-Aġenzija għall-vittmi tal-Kriminalità permezz ta' tim multidixxiplinarju. Dan ser jinkludi għajnuna psikoloġika, pariri legali mill-avukat tal-aġenzija, pjan ta' kura għall-vittmi, filwaqt li fejn hemm bżonn uffiċjali tal-aġenzija se jakkumpanjawhom il-qorti. Il-vittmi se jkunu nfurmati wkoll meta l-aggressur tagħhom ikun wasal biex joħroġ mill-ħabs.



## 20 ta' Mejju
## Insaħħu l-operat tagħna b'sistema ta' bodycams

L-introduzzjoni tal-bodycams fil-Korp tal-Pulizija se jwassal għal aktar kontabbiltà u trasparenza. Il-Kummissarju tal-Pulizija spjega kif dan huwa l-ewwel proġett tax-xorta tiegħu f'pajjiżna. Mil-lum 'il quddiem kull uffiċjal tal-pulizija operattiv li se jkun qed jiġi f'kuntatt mal-pubbliku se jkun qed juża' dan l-apparat. Is-Sur Gafà elenka sensiela ta' benefiċċji li jipprovdu l-bodycams fosthom kif l-investigazzjonijiet mistennija jissaħħu b'evidenza awdjoviżiva partikolarment f'mumenti kritiċi bħal sitwazzjoni ta' vjolenza domestika. Huwa nnota wkoll kif il-filmati se jipprovdu għodda tajba għal taħriġ tal-uffiċċjali hekk kif se juru r-realtà li l-pulizija jaffaċċjaw ta' kuljum.

Il-Ministru Byron Camilleri fisser li dan il-proġett ser iwassal għall-Korp tal-Pulizija aktar rispettat, trasparenti u onest, filwaqt li se jipproteġi lill-membri tal-Korp waqt il-qadi ta' dmirijiethom.



# PMC® AMMUNITION

## PRECISION MADE CARTRIDGES

X-TAC MATCH — ACCURATE

eRange — RELIABLE

Bronze — CLEAN

X-TAC — AFFORDABLE




Target

Competition

Military

Law Enforcement

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Gunshop**
Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com




## 28 ta' Ġunju
### Flotta ġdida għar-Rapid Intervention Unit

Illum il-ġurnata t-taqsima tar-Rapid Intervention Unit hija mgħammra bi flotta ta' vetturi aktar moderni li se jwasslu għal aktar sigurtà fit-toroq tagħna.

Armata b'karatteristiċi ta' sigurtà kemm għall-uffiċjali kif ukoll għad-detenuti waqt trasportazzjoni, ħażna sigura tal-armi li jinġarru mill-uffiċjali kif ukoll sireni u beacon lights magħmulin għall-użu tal-Korp tal-Pulizija, il-vettura Hyundai Tucson tinsab topera fit-toroq tagħna.



## 30 ta' Ġunju
### Taħriġ offrut lill-uffiċjali tal-Arson Unit fi ħdan is-Sezzjoni tar-Reati Maġġuri

14-il uffiċjal tal-pulizija li huma stazzjonati fl-Arson Unit ġew ippreżentati b'ċertifikat wara li temmew b'suċċess kors ta' taħriġ flimkien mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Il-kors ikkonsista f'taħriġ prattiku u anki dak ta' teorija, bl-attenzjoni tingħata l-aktar fuq investigazzjonijiet konnessi ma' nar, kemm aċċidentali kif ukoll każijiet ta' ħruq intenzjonat.

Fi tmiem dan il-kors ta' taħriġ l-uffiċjali li attendew ingħataw ċertifikat li ġie preżentat lilhom mid-Direttur Ġenerali tal-Pulizija, s-Sinjura Stefania Sgandurra flimkien mad-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili s-Sur Peter Paul Coleiro. Għal din iċ-ċerimonja qasira attendew ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll id-Direttur Ġenerali tal-Protezzjoni Ċivili, is-Sur Emanuel Psaila.




## 09 ta' Lulju
### Pulizija għall-komunità jestendu l-ħidma tagħhom

Il-Korp tal-Pulizija għandha għaxar timijiet ta' pulizija li qed jaħdmu b'56 uffiċjal madwar wieħed u għoxrin belt u raħal. Il-Kummissarju tal-Pulizija spjega kif dan il-proġett qed iħalli r-riżultati mixtieqa hekk kif il-komunitajiet qed iħossuhom aktar viċin il-Korp tal-Pulizija. Huwa spjega kif dawn il-pulizija tħarrġu u bdew jaħdmu fil-lokalitajiet magħżula, inklużi lokalitajiet bi sfidi ikbar.

Il-Ministru Byron Camilleri tkellem dwar dan il-proġett u qal li l-Korp tal-Pulizija qed juri biċ-ċar ir-rieda li jkun hemm għan-nies f'kull ħin u f'ċirkostanzi varji. L-għan ta' dan il-proġett fi kliem il-Ministru hu li ċ-ċittadin iħossu sigur, mismugħ u moqdi.

Smart
Supermarket

CELEBRATING 40 years 1981 - 2021




**We are NOW delivering to Gozo every first and third Friday of each month!**




***Access to Smart Supermarket from Triq Domenico Cachia is currently Closed.***

*Kindly use the parking facilities on Triq in-Naxxar.*

**We apologise for any inconvenience caused.**

## Get Social with Smart Supermarket

Like us on Facebook
Follow us on Instagram

## Where to contact us

**A:** Smart Shopping Complex, Naxxar Road, Birkirkara, BKR 9042, Malta
**T:** +356 2144 2728
**E:** info@smart.com.mt
**W:** www.smart.com.mt
**FB:** www.facebook.com/smartsupermarket

**recycle** When you have finished with this publication please recycle it.

All points, prices and offers displayed on this publication are valid for this month only. Points, prices and offers published on the Smart Supermarket Publication were correct at time of going to press, however Smart Supermarket will not be responsible for errors or omissions. All rights reserved ® Smart Supermarket 2020.

## Opening Hours

| | |
|---|---|
| Monday | 07.00 to 20.00 |
| Tuesday | 07.00 to 20.00 |
| Wednesday | 07.00 to 20.00 |
| Thursday | 07.00 to 20.00 |
| Friday | 07.00 to 21.00 |
| Saturday | 07.00 to 20.00 |
| Sunday | 09.00 to 18.00 |

**Late Night Shopping:**
Fridays 7am-9pm

**Sundays:**
Open 9am-6pm



## 12 ta' Lulju
### Jum il-Pulizija

Bħas-sena l-oħra, din is-sena kellna nillimitaw ruħna fl-attivitajiet organizzati sabiex niċċelebraw Jum il-Pulizija. Bdejna billi sellimna lill-kollegi tagħna li m'għadhomx magħna. Filfatt il-Ħadd 4 ta' Lulju saret quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju tal-Addolorata u wara, ċelebrazzjoni qasira fuq il-qabar tal-Pulizija.

Fil-ġurnata tat-12 ta' Lulju ġiet ikkonċelebrata quddiesa mill-Arċisqof ta' Malta ġewwa l-Katidral ta' San Gwann il-Belt Valletta fejn fost diversi persuni distinti u uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp attenda wkoll il-President ta' Malta. Ġie deċiż però li għal din l-okkażjoni nagħmlu u noffru xi ħaġa ta' ġid, u kien għalhekk li ħeġġiġna l-pulizija sabiex fil-ġurnata ddedikata lill-pulizija jmorru jagħtu d-demm. Għal dan il-għan ġie organizzat trasport mid-depot għall-bank tad-demm u lura provdut mill-garaxx tal-pulizija. Kien hemm ukoll l-għażla li wieħed juża mezzi ta' trasport tiegħu personali.

Il-kollegi tagħna li jinsabu fil-gżira ta' Għawdex ukoll iddedikaw ġurnata sabiex jiftakru f'kollegi Għawdxin li m'għadhomx magħna u li jinsabu midfuna f'Għawdex. Kien propju għalhekk li fil-15 ta' Lulju, il-Kummissarju tal-Pulizija ngħaqad mal-pulizija t'Għawdex fejn saret ċerimonja qasira fuq il-qabar tal-Pulizija li jinsab fiċ-ċimiterju tax-Xagħra, Għawdex.



## 02 ta' Awissu
### Pulizija ta' Riserva

33 uffiċjal li kienu diġà għamlu 25 sena jew aktar fil-Korp tal-Pulizija, wara li telqu mill-Korp reġgħu ngħaqdu bħala pulizija ta' riserva. Dan huwa l-ewwel grupp ta' riservisti li qabel ma ġew maħtura ngħataw kors ta' taħriġ ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati.

F'ċerimonja qasira ġewwa d-depot tal-Pulizija, il-Kummissarju s-Sur Gafà rringrazzjahom talli wara li kienu diġà servew għal dawn is-snin kollha, xorta waħda u għax iħobbu l-Pulizija għażlu li jerġgħu jissieħbu u jservu lill-pajjiż fi ħdan il-korp.



## 01 ta' Settembru
### Aquatic Safety and Basic Water Rescue Course ghall-membri tal-EPU

Membri mill-iskwadra tal-Environmental Protection Unit attendew u kkonkludew b'suċċess kors akkreditat ta' Aquatic Safety and Basic Water Rescue. Il-kors kien jinvolvi kemm prattika kif ukoll teorija. Fost it-taħriġ li ngħataw insibu, first aid and resuscitation, swimming skills, self-rescue and water safety, emergency action plan, use of equipment u rescue situation.



## 15 ta' Settembru
### Spetturi ġodda fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

29 uffiċjal u 4 pajżana ngħataw il-ħatra ta' Spettur, wara li lestew kors ta' taħriġ ġewwa l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinarji.

F'ċerimonja qasira ġewwa l-Kwartieri Ġenerali, il-Kummissarju awguralhom u ħeġġiġhom biex jiffukkaw fuq l-elementi tal-effiċjenza u l-effettività fit-twettiq tal-ħidma tagħhom, filwaqt li jaraw li tirrenja d-dixxiplina u l-kontabbiltà, għax b'hekk nistgħu nkomplu nżidu l-fiduċja tan-nies.




A Window of
Opportunity
FIMBANK
Your Corporate Banking Partner
FIMBank p.l.c. is a licensed credit institution regulated by the Malta Financial Services Authority and is listed on the Malta Stock Exchange.


Esperjenza
L-ISPAZJU
MILL-QRIB
Xows | Films | Esebiti
Għal aktar informazzjoni dwar il-films u xows tal-Planetarium skennja dan il-Kodiċi QR.
esploraplanetarium
www.esplora.org.mt
ESPLORA | Interactive Science Centre
Villa Bighi, Kalkara KKR 1320 - Malta
Għal iktar informazzjoni ċempel fuq 2360 2300
jew ibgħat imejl fuq info@esplora.org.mt
Esplora ċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza kien kofinanzjat mill-ERDF. Esplora ntgħażel bħala wieħed mill-proġetti emblematiċi mill-Kummissjoni Ewropea



# Meta nikber nixtieq insir …

minn PC 2025 Charlene Cilia
l-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Kollha kemm aħna kellna x-xewqa meta konna żgħar li nsiru min tabib, pilota, veterinarju, għalliem u diversi professjonijiet oħra. Fil-verità jekk ma kontx taħseb fuqha kien ikollok kważi bilfors, għax min jaf kemm kienu jsaqsuhielna nies, anki l-iskola, min jaf kemm-il komponiment ktibna fuq x'nixtieq insir la nikber. Żgur li ħafna minna, nibda minni nnifsi, xtaqna nsiru pulizija avolja ġieli ngergru mis-sebħ sad-dlam imma x-xewqa tal-uniformi kienet ta' ħafna minna. Illum il-ġurnata avolja ngħidu li t-tfulija m'għadiex bħal qabel u li llum it-tfal għandhom ħafna affarijiet li jaljenawhom, xorta t-tfal għadhom joħolmu u jesprimu xewqat ta' x'jixtiequ jsiru la jikbru. Fejn qabel kienu jesprimu ruħhom forsi kif għedt f'komponiment, illum hawn ħafna iktar opportunitajiet għal kreattività. Filfatt, ftit tax-xhur ilu kien ġie organizzat konkors fejn tfal ta' ċertu età riedu joħolqu proġett fuq dak li jixtiequ jsiru la jikbru.

F'dan il-proġett, it-tfal tħallew liberi li jesprimu dak li jixtiequ jsiru f'proġetti kif riedu huma, jiġifieri setgħu jagħmlu kitba, videos, films qosra, ġabra ta' ritratti, mudelli, insomma li xtaqu huma. L-iskejjel kollha ta' Malta kienu involuti f'din il-kompetizzjoni u għalhekk, in-numru ta' tfal li setgħu jipparteċipaw kien wieħed kbir. Fost dawn l-istudenti kollha, studenta li tattendi l-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar preżentat proġett li bih rebħet il-kompetizzjoni. Ix-xogħol li tixtieq tagħmel la tikber din it-tfajla żgħira huwa propju ta' pulizija mat-taqsima tal-Forensika. Il-mod ta' kif preżentat il-proġett tagħha kien permezz ta' filmat li għamlet hi stess u fih ħolqot xena ta' serq minn propjetà fejn imbagħad uriet lilha nnifisha tagħmel xogħol Forensiku fuq ix-xena tar-reat.

Mikela-Ivy Portelli li għandha 7 snin qatt ma basret però li apparti l-premju kienet ġejja sorpriża ħafna ikbar għaliha. Inzerta li l-filmat tagħha kif ukoll l-aħbar li rebħet ġew imxandra fuq facebook mill-iskola fejn tattendi u kien propju hekk li ġie nnutat mill-pulizija. Imbagħad nibtet l-idea li nagħtu sorpriża lil Mikela-Ivy.

L-idea kienet li Mikela tqatta' ġurnata mal-pulizija fis-sezzjoni tal-Forensika u propju nhar it-28 ta' Lulju vann tad-Dipartiment tal-Forensika wasal quddiem il-bieb tad-dar ta' Mikela u flimkien mal-ġenituri tagħha rikbet sabiex tibda l-avventura tagħha magħna. Il-ġurnata kienet daqsxejn impenjattiva għax mal-wasla tagħha Mikela marret mill-ewwel ġewwa l-uffiċini tal-Forensika fejn hemm sabet jistennewha pulizija li filwaqt li bdew idawruha l-post bdew ukoll jispjegawlha fuq l-apparat forensiku, fuq ix-xogħol u

l-funzjoni tiegħu. Ma setax jonqos li anki hija stess tuża xi ftit minn dan l-apparat. Ma hemmx xi ngħidu, it-tbissima li kellha Mikela kull meta kienet qed tara jew tuża apparat forensiku kienet tgħid kollox għax wiċċha kien jixgħel.

Sew jekk bil-kamera tar-ritratti, sew jekk b'mikroskopju u anki jekk b'pinzell biex toħroġ fingerprint, Mikela ma ddejqet tuża xejn. Kull informazzjoni li bdew ituha, kull tagħlim kienet tidher li dan huwa suġġett li jaffaxxinaha.
Wara nofstanhar mal-kollegi tal-Forensika, Mikela kellha laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, fejn wara li sema' r-rakkont ta' x'għamlet matul il-ġurnata, staqsiha x'inhu li jħajjarha li tagħżel id-Dipartiment tal-Forensika bħala karriera. Ħafna forsi jaħsbu għax tara xi films, imma fil-verità Mikela rrakkuntat meta darba kienu serqu minn ġewwa l-karozza t'ommha u meta kienu mitluba sabiex il-pulizija televa jew aħjar taħdem fuq il-karozza sabiex jinstabu xi traċċi li ħa jgħinu fil-każ, hija bdiet tara l-mod ta' kif dan il-pulizija kien qed jaħdem u dak li beda jagħmel u kien propju hawn li affaxxinat ruħha. Il-Kummissarju tal-Pulizija beda jispjegalha kemm hi importanti l-Forensika u dan għaliex il-kriminalità saret sofistikata u ħafna każijiet jitolbu s-support ta' dan id-Dipartiment.

Is-Sur Gafà spjega wkoll li l-Korp ma jutilizzax biss nies li huma pulizija imma anki professjonisti pajżana. U għalhekk wieħed jista' ma jkunx pulizija imma jaħdem f'dipartiment tal-pulizija, f'dan il-każ tal-Forensika. Ma naqasx li l-Kummissarju ħeġġeġ lil Mikela biex tistudja ħalli tiggradwa f'sciences jekk din hija l-ħolma u x-xewqa tagħha. L-opportunitajiet f'dan il-qasam ħa jkunu dejjem hemm u probabbilment ikunu żdiedu.

Mikela rringrazzjat lill-Kummissarju kif ukoll dawk l-uffiċjali u pulizija oħrajn li tawha din l-opportunità unika fejn apparti li ħadet gost, hija tgħallmet ħafna fuq suġġett li hu tant għal qalbha.

U kif sewwa jgħidu...tkun qed tieħu gost il-ġurnata ttir, u hekk kien għal Mikela. Il-ġurnata għaddiet imma l-memorja tagħha żgur li mhux ħa tinsieha.




ZINGA
EXTREME ENVIRONMENTS DEMAND
SUPERIOR PROTECTION
www.zinga.eu
AVAILABLE FROM
JMV
BUILDING SOLUTIONS
J M VASSALLO VIBRO STEEL LIMITED
MDINA ROAD, ZEBBUG – ZBG 9019, MALTA
TEL: +356 21 467 421 - FAX: +356 21 465 202
Email: sales@jmvibro.com
www.jmvibro.com
ZINGA
GALVANISING SYSTEM


Complete Road Construction
is Our Profession.
Asphalt Production
Asphalt Paving
Construction of Footpath
Special Structure
Under Ground Infrastructure
Concrete Suppliers
Recycle Material
Street Furniture
Line Marking
Philip Agius
& Sons Ltd.
TA'MAKSAR • CONTRACTORS
The Plant, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 4103
Tel: 2146 5758 / 9949 3551 Email: marius@maksar.com
ABICert
the certification company
UNI ISO 9001:2015
Certificate no. QBC658




MALTA POLICE UNION

The Mission of the Malta Police Union is to promote the wellbeing of its members, to represent and defend their interest , as well as to take active participation in improving their conditions of work. It is open to Police officers (All ranks) and Civilians employed with the Malta Police Force.

| | |
|---|---|
| **1 year membership*** <br> Additional year free of charge. | **EUR 20** |
| **3 years membership*** <br> Additional year free of charge. | **EUR 50** |

www.mpu.mt
info@mpu.mt

Dan huwa avviż bi ħlas


STOP
PULIZIJA
PULIZIJA
PULIZIJA

# Kif nirregola l-emozzjonijiet tiegħi

Employee Support Programme Unit

L-emozzjonijiet huwa l-mod kif inħossuna f'ċirkostanzi sinifikattivi li nesperjenzaw fil-ħajja u fir-relazzjonijiet tagħna. L-emozzjonijiet nitgħallmu xi jfissru mill-esperjenzi li nkunu għaddejna minnhom kif ukoll mit-trobbija u f'dan il-proċess nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna skont is-sitwazzjoni. Fost dawn l-emozzjonijiet insibu ferħ, rabja, biża', eċitament, dwejjaq u ansjetà.

Sfortunatament mhux dejjem nitgħallmu kif nirregolaw dawn l-emozzjonijiet b'mod pożittiv. Ħafna jsibuha diffiċli jikkontrollaw dawn l-emozzjonijiet intensi u jistgħu jwasslu biex jibdew jaffettwaw l-imġiba u r-relazzjonijiet. L-aħbar tajba hi li kulħadd jista' jitgħallem jirregola l-emozzjonijiet tiegħu għax hija ħila li nitgħallmu permezz tal-esperjenza.

L-intelliġenza emozzjonali hija l-abbiltà li wieħed jagħraf l-impatt emozzjonali fuqu u fuq ta' madwaru; fosthom interazzjoni pożittiva, komunikazzjoni effettiva u immaniġjar tajjeb ta' argumenti u konflitti.

Nistgħu nħarsu lejn l-emozzjonijiet bħala sors ta' informazzjoni. L-emozzjonijiet jistgħu jkunu ta' għajnuna sabiex nindunaw kif qed inħossuna, nagħrfu l-bżonnijiet tagħna, niġu konxji ta' kif qed jaffettwaw l-attitudni u l-imġiba tagħna, ankè saħansitra kif inġibu ruħna ma' dawk ta' madwarna. Għaldaqstant huwa ferm importanti li wieħed isib ħin biex jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u jipproċessa dak li jkun għadda minnu u qed jesperjenza. Eżerċizzju prattiku li kulħadd jista' jagħmel hu li nsibu ħin li nieqfu u nagħtu ħarsa lejn dak li jkun għaddej fil-mument; jiġifieri jekk dak li qegħdin inħossu u nesperjenzaw bħalissa jkunx qed iqanqal emozzjonijiet pożittivi jew negattivi.

Mod ieħor kif persuna tagħraf dawn l-emozzjonijiet huwa billi tistaqsi lin-nies ta' madwarha u tara dawn innutawx xi differenza fl-attitudni jew fl-imġiba tagħhom. Jekk persuna ssibha diffiċli jew tibża' tirrispondi, din fiha nnifisha timplika li jista' jkun hemm ċertu rabja li qed taffettwa l-imġiba tiegħek. Bidla fl-atitudni jew fl-imġiba tagħna tgħinna nidentifikaw x'qed iqanqal dawn l-emozzjonijiet biex inkunu nistgħu nimxu għall-pass li jmiss. Huwa importanti li nindunaw b'din il-bidla fl-atitudni jew imġiba biex nifhmu aħjar lilna nfusna kif ukoll biex nikkomunikaw dawn l-emozzjonijiet ma' ta' madwarna.

Għaldaqstant, l-eżerċizzju li wieħed jagħraf aħjar l-emozzjonijiet tiegħu u l-impatt tagħhom fuq il-mod kif iġib ruħu huwa għodda importanti fix-xogħol tal-pulizjia. Waqt li uffiċjal ikun qed jaqdi dmiru, jista' jiġi espost għal sitwazzjonijiet li jistgħu jqanqlu emozzjonijiet intensi. Mingħajr l-abbiltà li wieħed jirregola l-emozzjonijiet tiegħu dan jista' jwassal għall-aġir impulsiv u ta' sfida kif ukoll f'aggressjoni.

Meta jkun hemm inċident gravi, wieħed jista' jimmaġina l-emozzjonijiet u l-impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tal-individwu. Iżda ftit nisimgħu fuq l-impatt emozzjonali minn sitwazzjonijiet inqas serji li ħafna drabi huma kontinwi waqt ir-rutina tax-xogħol. Dawn jistgħu jkunu sitwazzjonijiet relatati max-xogħol bħal ħinijiet twal, jew diffikultajiet mal-kollegi. Waqt ix-xogħol, uffiċjal tal-pulizija jrid ukoll iħabbat wiċċu ma' nies aggressivi li jafu joħolqu mumenti anke ta' biża'.

Ta' spiss insibu ruħna nistaqsu imma kif nistgħu nirregolaw dak li nkunu qed inħossu u nesperjenzaw? Dan jista' jinstema' diffiċli jew impossibli f'xogħol fejn kontinwament esposti għall-inġustizzji u ksur tal-liġi. Xi drabi nistaqsu imma kif nista' nikkontrolla jekk xi ħadd ikun aggressiv jew joffendini? Ir-rabja tkun qawwija u jkollok aptit tirrispondi bl-istess mod iżda tkun qed tpoġġi lilek innifsek u xogħlok fil-periklu.

Għaldaqstant, jekk qed issibha diffiċli tesprimi dawn l-emozzjonijiet tiegħek, speċjalment dawk intensi bħalma hi r-rabja, tgħin li wieħed ifittex għajnuna professjonali biex ikollu spazju fejn dawn l-emozzjonijiet jesprimihom kif ukoll jipproċessahom u jitgħallem jirregolahom. L-Employee Support Programme (ESP) jista' jkun ta'għajnuna għal min qiegħed jesperjenza diffikultajiet simili kif ukoll diffikultajiet oħra personali jew relatati max-xogħol li qed jaffettwaw il-benesseri tal-individwu.

Tista' titlob iktar informazzjoni jew tagħmel appuntament billi ċċempel fuq ***2200 1210***, tibgħat e-mail fuq ***esp.opm@gov.mt*** jew iżżur is-sit elettroniku ***www.esp.gov.mt***. Is-servizz huwa kunfidenzjali u mingħajr ħlas għall-impjegati pubbliċi.

# ROCK CUT

• DEMOLISHING • EXCAVATION • TUNNELING & MUCH MORE...

Tel: 21802726

e-mail: info@rockcut.com.mt

## MCE YOUR TOOL ROOM PARTNER



MCE

Since 1976

*Your Guarantee to Quality Products*

MCE LIMITED, MCE HOUSE, TRIQ L-INDUSTRIJA, QORMI

Tel: 2148 6213, 2144 1275 | Fax: 2148 6184 | Email: tooling@mcemalta.com | www.mcemalta.com

# Xiri ta' tagħmir għas-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni

mill-Uffiċċju tal-Proġetti




Il-Korp dejjem jakkwista tagħmir biex ikompli jippromwovi l-immaniġġjar effiċjenti tal-influssi ta' immigrazzjoni irregolari. Dan it-tagħmir speċjalizzat li ħa taqraw fuqu ġie mixtri sabiex itejjeb il-kapaċitajiet tad-Dipartiment tal-Immigrazzjoni u biex b'hekk in-nies tagħna jżommu ruħhom aġġornati max-xejriet li qed ifeġġu u mal-kwalità għolja ta' dokumenti foloz.

Bħalissa, il-proċedura biex jiġu identifikati passaporti folozi hija disponibbli biss fil-kontrolli tal-fruntiera, madanakollu, dan it-tgħamir issa se jkun aċċessibbli wkoll għall-uffiċjali tal-immigrazzjoni sabiex jidentifikaw kwalunkwè passaport falz. Barra minn hekk, it-tagħmir se jgħin lill-Korp tal-Pulizija fit-tnaqqis tal-ħin meħtieġ biex jiġu eżaminati passaporti illegali u jiżdied in-numru ta' sejbiet ta' passaporti illegali qabel il-kontrolli fuq il-fruntiera. Permezz tal-proġett The Procurement of Immigration Equipment li huwa ko-finanzjat minn fondi Ewropej taħt il-programm AMIF (Fondi għall-Ażil, Migrazzjoni u Integrazzjoni) 2014–2020, il-Korp tal-Pulizija ngħata €501,120 sabiex jinxtara dan it-tagħmir meħtieġ għad-Dipartiment tal-Immigrazzjoni.

Għal dan il-għan inxtraw numru ta' strumenti li jipprovdu lill-uffiċjali tal-immigrazzjoni u lill-uffiċjali tal-IRU b'analiżi aktar preċiża ta' kwalunkwè dokument falz. It-tagħmir jikkonsisti f'100 lenti għall-uffiċjali tal-immigrazzjoni. Barra minn hekk se jinxtraw Main Video Spectral Comparator li se jkun qiegħed fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulzija, erba' Secondary Video Spectral Comparators li se jitpoġġew fl-uffiċini tal-immigrazzjoni u mikroskopju li wkoll se jkun ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Dan l-apparat jista' jintuża f'każijiet differenti ta' dokumenti foloz. Il-lentijiet se jintużaw għall-kontrolli inizzjali. Il-Main Video Spectral Comparator u Secondary Video Spectral Comparators għandhom jgħinu sabiex jipprovdu evalwazzjoni aktar preċiża, filwaqt li l-mikroskopju se jintuża f'każijiet fejn kemm il-lentijiet, kif ukoll il-Comparators ma jidenitifikawx riżultati ta' passaporti foloz. L-uffiċjali tal-immigrazzjoni u l-IRU ngħataw taħriġ fuq dan it-tagħmir, li ġie pprovdut permezz tal-istess proċess tal-akkwist tal-apparat.
Dan it-tagħmir jissodisfa l-għanijiet tal-Fond għall-Ażil, Migrazzjoni u Integrazzjoni (AMIF) biex jiżgura strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi. Ir-riżultati miksuba permezz ta' dan l-apparat ser jiġu mqassma ukoll lill-Istati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea.

**Asylum, Migration and Integration Fund 2014 - 2020**
This Project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
**Sustainable Management of Migration Flows**


STRAND ELECTRONICS
Feel safe.
Enjoy every moment.
Domestic, Commercial & Industrial Security Systems.
• Wired & Wireless Systems
• Smartphone Controlled Systems
• Remote Activated Systems
• Qualified & Factory Trained Installers
• Guaranteed Servicing & After Sales
IQ Centre, Regional Road, (Off Valley Road) Msida MSD 9022
Tel: 20313300 | Fax: 21483820 | sales@strandelectronics.com
www.strandelectronics.com


SPAZJU KREATTIV
ARTI VIŻIVA
ĊINEMA
ARTI PERFORMATTIVA
+356 2122 3200
www.kreattivita.org
Spazju Kreattiv
St James Cavalier
Castille Place
Valletta
VLT 1060
Il-Qalba tal-Kreattività

# Il-Mezz ta’ Identifikazzjoni matul iż-żmien

*Minn SM Joe Borg*

Fil-prinċipju, l-għan tal-identifikazzjoni numerika huwa li żżid ir-responsabilità u tikseb aktar il-fiduċja pubblika. Meta kien twaqqaf il-Korp tal-Pulizija ta’ Malta f’Lulju tal-1814, il-pulizija li ġew ingaġġjati fil-bidu għamlu xi żmien mingħajr uniformi. Kienu jilbsu ħwejjeġ pajżana addattati għal dak iż-żmien. Huma kienu jingħarfu li huma pulizija mill-aċċessorji li kienu ngħataw; li kienu x-xabla jew stallett, lembuba ta’ daqs kemmxejn akbar minn tal-lum, li kienet tissejjah ‘il-ħatar’ u tip ta’ arma tan-nar. Mal-introduzzjoni tal-uniformi (data eżatt ma nafux) li kienet tikkonsisti minn ġakketta tawwalija bl-għonq magħluq; bi tmin buttuni tal-metall u qalziet, it-tnejn ta’ lewn blu skur lejn l-iswed, b’ċintorin iswed li kien jintlibes mad-dawra taż-żaqq. Ma’ din l-uniformi kienet tintlibes ukoll it-tomna (top-hat). Għalkemm mhux ċerti, seta’ jagħti l-każ li fuq din l-uniformi kienu bdew jitwaħħlu wkoll xi tip ta’ numri għall-identifikazzjoni mal-għonq magħluq tal-ġakketta. Kien beda’ jinħarġilhom ukoll dokument uffiċjali li juri li huma membri ta’ dan il-Korp tal-Pulizija.

Imbagħad lejn is-snin c.1830 l-uniformi nbidlet xi ftit billi l-ġakketta qsaret u l-bokkla taċ-ċintorin kienet ġiet standard forma ta’ ittra ‘S’ mimduda jew tal-‘snake clasp’. Ma’ din l-uniformi bdiet tintlibes l-ewwel forma ta’ beritta, il-kepè bil-kliem ‘Malta Police’ fuqha, ġejjin għat-tond u fin-nofs in-numru ta’ identifikazzjoni tal-persuna. Fuq din l-uniformi n-numri kienu jitwaħħlu wkoll mal-għonq. Sadanittant, mal-istess numri ta’ xi wħud mill-membri, kienet bdiet titpoġġielhom ittra minn tal-alfabett li kienet tiddistingwi u tindika l-membru partikulari minn liema qasam tal-Korp kien ikun ġej. Fil-bidu kienet titpoġġa mal-għonq, aktar ’il quddiem bdiet titpoġġa wkoll fuq l-ispallejn separatament. Fost dawn l-ittri l-aktar komuni konna nsibu l-ittri ‘A’, ‘D’, ‘E’, ‘L’, ‘N’, ‘W’; għalkemm jista’ jagħti l-każ li kien hemm ukoll xi oħrajn. Minħabba xi tibdil li jsir minn żmien għal żmien, dawn setgħu bdew jikkorrispondu għal entitajiet differenti; hekk kif kien ikun indikat f’ċirkularijiet jew ‘Police Orders’ li jkunu ħarġu għall-membri.

Fl-1870, żmien ir-Reġina Vittorja, il-bużbużnanna tar-Reġina tal-Ingilterra preżenti, ġiet introdotta l-ewwel arma emblemika tal-metall. Din kienet ta’ għamla tonda bil-kelmiet Malta Police Force mad-dawra u fin-nofs skudett għat-tond imbuzzat li fuqu kienu jitwaħħlu n-numri ta’ identifikazzjoni. Din l-arma li kienet tintlibes ukoll fuq il-kepè kienet baqgħet tintuża għal madwar tmin snin.

Fi żmien il-Kummissarju Claude Woodruff Duncan, bħala parti mir-riformi tiegħu c. 1918, kienu reġgħu ħarġu mill-ġdid in-numri tal-membri preżenti, li bdew minn numru wieħed u baqgħu telgħin sa ma’ kien hemm membri dakinhar; sintendi esklużi l-fizzjali. Barra minn hekk, in-numru ta’ dawk li jkunu spiċċaw mill-Korp ma kienx jerġa’ joħroġ. Dejjem kien jinħareġ numru ġdid. Intant, is-sistema kienet reġgħet inbidlet u n-numri ta’ dawk li jkunu spiċċaw reġgħu bdew jingħataw lil rekluti ġodda.

Imbagħad lejn il-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu li għadda, l-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija tal-Kolonji W.A. Muller, fuq talba li






saritlu mill-Prim Ministru Mintoff biex jagħmel rapport dwar il-qagħda tal-pulizija f'Malta; fost affarijiet oħra kien irrakkomanda li jiġu ngaġġati Pulizija nisa. Fuq din ir-rikomandazzjoni kienet saret sejħa sabiex jiġu ngaġġati għaxar pulizija nisa. Fil-fatt nhar l-4 ta' Ġunju tal-1956, kienu daħlu l-ewwel ħames pulizija nisa; biex imbagħad ftit wara kienu ddaħħlu l-ħamsa l-oħra. Mar-reklutaġġ il-ġdid tan-nisa fil-korp, kellu jsir ukoll xi ftit tat-tibdil fis-sistema tan-numri ta' identifikazzjoni. Dan sar billi dawn l-ewwel għaxra ngħataw numru minn wieħed sa għaxra b'żieda tal-ittra 'W' għal 'woman' mal-ittri akronimi tal-grad tagħhom, li kien jaqra WPC (Woman Police Constable).

B' hekk minkejja li diġà kellek numri użati fuq l-irġiel fil-każi ta' Pc (Police Constable), Ps (Police Sergeant) jew SM (Sergeant Major); permezz ta' din iż-żieda bl-ittra 'W', kienu bdew jinħarġu żewġ numri fl-istess żmien, waqt li beda jiġi distint ukoll il-ġeneru fost il-membri. Hawn nixtieq nagħmel daqsxejn ta' parentesi. L-ewwel ingaġġ ta' pulizija nisa f'Malta kien seħħ ftit tas-snin qabel il-moviment politiku lokali għall-emaċipazzjoni tal-mara fil-bidu tas-snin sebgħin. Infatti, l-awtoritajiet ta' dak iż-żmien kif diġà kwotat ukoll f'artiklu preċedenti, kellhom tassew biċċa nkwiet; dan minħabba li sabu reżistenza mill-aktar ħarxa, hekk kif ġew sabiex jintroduċu dawn l-ewwel ftit membri nisa fil-korp. Jingħad li l-Kummissarju de Gray, li kien għadu kif sar kummissarju, wara li kien spiċċa George Cachia; ordna sabiex għall-bidu dawn kellhom joħorġu dejjem tnejn; jimxu matul Strada Rjali l-Belt u segwiti minn pulizija pajżan jew tnejn sabiex jaraw ir-reazzjoni tal-pubbliku u f'każ ta' bżonn jagħtuhom protezzjoni. Dan l-aktar minħabba d-diċeriji li kien hemm u l-biża' li setgħu anke ġew attakkati minn xi nies jew immaltrattati b'xi mod. Minkejja li r-reżistenza kienet tassew fattwali, ebda' inċident f'dar-rigward ma kien ġie rrappurtat. Dan kien tista' tgħid l-ambjent soċjokulturali lokali u antinklussiv li sabu ma' wiċċhom, propju meta għall-ewwel darba f'Malta ġew biex jirreklutaw il-pulizija nisa.

Tibdil ieħor fl-uniformi kien sar fl-1958; billi l-ġakketta ma baqgħetx aktar bl-għonq magħluq u bdiet tintlibes ukoll l-ingravata. Sa mill-bidu tas-seklu li għadda, l-ingravata kienet tintlibes biss mill-fizzjali. Ma' dan il-bdil fil-ġakketta, in-numri mbagħad bdew jintlibsu fuq l-ispallejn minflok mal-għonq, kif inhuma llum. Għalkemm fiż-żmien tal-lum fuq ċertu uniformijiet, l-aktar dwar xogħol speċifiku naraw numri bl-isem tal-persuna minsuġin fuq in-naħa tal-lemin tas-sider. Imbagħad fl-istess żmien ukoll, kienu tneħħew l-ittri minn man-numri li semmejt aktar qabel. Naraw ukoll kif fi Frar tal-2014, meta kien reġa' ġie introdott il-grad ta' riservista, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dawn il-membri kien jibda min-numru 3000. Dawn in-numri kienu ħarġu b'akronimi ġeneriċi mill-ewwel ta' 'RPC' (Reserved Police Constable), li ma jiddistigwux il-ġeneru tal-membri.

Kien dan l-aħħar li reġa' sar xi tibdil ieħor fuq in-numri ta' identifikazzjoni tal-membri nisa. Billi fit-22 ta' Marzu ta' din is-sena ħarġet ċirkulari GHQ 03/2021, sabiex b'effett mill-1 ta' Marzu 2021, kellha titneħħa l-ittra 'W' mill-akronimu WPC jew WPS. Biex tibqa' stabbli s-sistema numeroloġika, sar tibdil ukoll fin-numri. In-numri tal-membri nisa preżenti issa saru kollha jibdew billi jaqbżu n-numru 2000. Eżempju min kellu n-numru WPS 280, issa ġie PS 2280, b'taż-żewġ numri bħal WPC 25, issa ġie PC 2025 u ta' numru wieħed, bħal WPC 5, issa ġie PC 2005. Permezz ta' din il-bidla mhux ser ikun hemm aktar numri li jibqgħu joħorġu doppji fis-sistema sabiex jiddistingwu l-ġeneru, sa ma kien mill-1956 'il hawn. Kull numru fis-sistema, minn numru wieħed sa kemm tista' tibqa' tiela' fil-lista, jew ukoll għax isir vakant, ser jibda joħroġ darba biss. Irrelevanti xi jkun il-ġeneru tal-membru.

Illum il-ġurnata, il-Korp huwa kompost minn madwar 2140 membru, minn fosthom 165 uffiċjal fi gradi differenti. Mid-dokument ta' identifikazzjoni daqshekk primittiv li semmejt aktar qabel, preżentement ninsabu fi proċess sabiex tinbidel il-karta tal-identità tal-pulizija, (I.D. card) għall-waħda ta' ċertu standard; b'livell għoli mil-lat ta' karatteristiċi teknoloġiċi li ser ikun fiha. Din hija miżura oħra importanti, sabiex tlaħħaq mal-isfidi li dejjem qed jiġġeneraw fis-soċjetà tagħna.


LAND ROVER
Ciapella garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/ 9946 9116 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
www.ciapellagarage.com
Join us on Facebook


Peppin
peppintransport.com
67, Triq Birzebbugia
Ħal Għaxaq - GXQ 1634
Malta - EU
(+356) 27 808 805
(+356) 21 808 805
(+356) 21 809 810
(+356) 21 662 118
(+356) 99 474 904
info@peppintransport.com
www.peppintransport.com


LIEBHERR
Quality, Design and Innovation
Side-by-Side
fridge-freezers
A++
No Frost
Smart Steel
25%
discount
AVAILABLE FROM
Flamingo
let's make homes together
Cannon Road, Qormi. Phone: 2279 4205 flamingo.com.mt


BURGER
KING
DRIVE THRU
NOW OPEN
IN PAOLA
TM & © 2021 BURGER KING CORPORATION. USED UNDER LICENSE. ALL RIGHTS RESERVED

MALTA POLICE UNION
Your Choice. Your Voice.

minn Neville Mercieca, Segretarju

**Tibdil fil-Union**
Mill-aħħar artikolu sal-lum, il-Union għaddiet minn diversi tibdil, li xi uħud jidhru, ngħidu aħna l-logo u l-isem, u oħrajn li huma purament amministrattivi bħall-Istatut u proċeduri interni li jiffaċilitaw il-mod li bih noffru assistenza immedjata u konkreta lill-membri.

Din is-sena, l-MPU iċċelebrat is-66 sena mit-twaqqif tagħha. Għalhekk kienet deċiżjoni għaqlija li dan it-tibdil sar matul dan il-perjodu. L-MPU kienet l-ewwel Union irreġistrata bil-għan li tippromwovi u taħdem bla waqfien għall-ġid tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Minħabba l-esperjenza li għandna fil-qasam tal-Pulizija ikkombinat mas-servizz eċċellenti li noffru, il-Union kompliet tissaħħaħ b'iktar membri ġodda. Dawn il-membri, filwaqt li joffru sostenn finanzjarju lill-Union, huma essenzjali sabiex inkunu f'posizzjoni li nippjanaw it-talbiet u suġġerimenti tagħna skont il-ħtieġa li għandhom dawn il-membri, u mhux biss skont il-fehma ta' dawk li qegħdin fil-Kumitat Eżekuttiv.

**Statut ġdid**
L-Istatut huwa l-iktar għodda importanti sabiex l-Union tkun tista' tħaddem il-politika tagħha. Dan juri d-drittijiet u obbligi kemm tal-Union, kif ukoll x'jeddijiet għandhom il-membri sabiex il-Union tagħhom tkompli tirnexxi.

Daħħalna l-kunċett ta' kunflitt ta' interess fi ħdan il-membri tal-Kumitat meta tkun qegħda tiġi diskussa materja jew oħra li dak li jkun jista' jkollu kunflitt. Ġiet iċċarata wkoll x'tip ta' assistenza noffru l-membri tagħna, meta u kif. B'hekk il-membri għandhom ċertezza li sejrin jieħdu dak li huwa tagħhom bi dritt, u mhux skont il-fehma ta' xi wieħed jew ieħor dak il-ħin.

**Tilwim Industrijali**
Nhar l-4 ta' Ġunju 2021, il-Union ma kien fadlilha l-ebda triq oħra barra li tirreġistra tilwima industrijali kontra l-Kummisarju tal-Pulizija. Għal darb'oħra, l-MPU kienet l-ewwel Union tal-Pulizija li użat dan il-mekkaniżmu. Qatt qabel mal-Korp ġie meħud quddiem bord ta' konċiljazzjoni sabiex ikun hemm deċizjoni fuq punt li Union ma taqbilx miegħu.

Mingħajr ma nerġa' noqgħod nispjega l-każ għaliex huwa pubbliku, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li kienu parti mill-bord kif ukoll l-uffiċjali minn naħa tal-Korp għall-mod spedit li bih il-każ ġie riżolt.

Nhar l-24 t' Awwissu 2021, il-Union irreġistrat it-tieni tilwima industrijali tagħha, din id-darba rigward traffic management supplementary duty. Sakemm ridna nippreżentaw dan l-artikolu l-laqgħat ta' konċiljazzjoni kien għadhom ma bdewx. Nisperaw li sakemm qegħdin taqrawh, dawn ikunu konklużi.

**Esiġenza tas-servizz**
Dan it-terminu jiġi użat u abbużat skont il-ħtieġa. Ikun hemm verament ċirkostanzi fejn ir-realtà ta' dak il-ħin ma tkunx tippermetti pjanar la fit-tul u lanqas fil-viċin u allura jkollhom jittieħdu deċiżjonijiet immedjati li xi kultant jolqtu ħażin lill-membri tagħna, pero ma jistax ikun li għal kull ħaġa, għaliex ma hemmx pjanijiet, tintuża din il-frażi għaliex jaħsbu li ma nkunu nistgħu nagħmlu xejn. Din bħall-istorja tal-lupu, tgħajjat u tibqa' tgħajjat li ġej il-lupu, fl-aħħar waħdek tispiċċa. Il-Union talbet lill-korp, li wara kollox hu l-entità li tuża din il-frażi, għal tifsira ta' xi tfisser u meta tintuża, però sa issa jidher li ma hemmx ħjiel ta' eżattament kif u meta għandha tiġi invokata.

L-Ingliżi huma tista' tgħid konservattivi u forsi bħalna, il-bidla għall-ġid konkret tal-membri forsi jarawha stramba, però għandhom definizzjoni ''Exigency of public service refers to ***a situation where service is urgently needed*** and where any delay in its execution and delivery will adversely affect the outcome of the service to clients and its effective and efficient delivery''. Din ixxejjen kull skuża li tintuża din il-frażi minħabba nuqqas ta' ppjanar u viżjoni li ilha ġejja snin twal, kif ukoll nuqqas ta' staff.

**Risk Assessment**
Bħalma forsi segwejtu, il-Union talbet kopja tar-risk assesments li jsiru sabiex jiġi determinat, skont ċirkostanzi li jinbidlu minn darba għal oħra, ir-risk assessment li jsir sabiex jiġi determinat kemm hemm bżonn membri tal-Korp kif ukoll sabiex jgħinuh jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjeni r-riskji għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif provdut f' leġislazzjoni sussidjarja 424.18, f'post u ħin partikolari bħal ngħidu aħna Paceville, il-pjazza tal-Qawra u oħrajn.

Hija diżappuntanti meta tircievi li ''the document requested is not held by the Public Authority and the undersigned has no grounds for believing that the document is held by, or connected more closely with the functions of, another public authority.'' Il-Union sejra tibqa' taħdem sabiex kull miżura għall-benefiċċju tal-membri tagħna tiġi implimentata.

**Ambjent fuq il-post tax-xogħol**
Meta tidħol f'post li jintuża mill-Pulizija tinduna. Għalkemm matul iż-żmien kien hemm tibdil konsiderevoli li ħa spinta f'dawn l-aħħar xhur, xorta għadek tħoss dak in-nuqqas ta' faċilitajiet u dak l-ambjent pjaċevoli kif naraw f'dipartimenti oħra tal-Gvern. Dan l-ambjent jinkludi arja kkundizzjonata li llum saret essenzjali u ma għadiex tiġi kkunsidrata bħala lussu. Il-Union sejra tibqa' taħdem sabiex kull post użat mill-Pulizija jkun adekwat u jkollu l-faċilitajiet kollha bħal 'changing room' u shower.

**Servizz ta' Whatsapp**
Il-Kumitat Eżekuttiv iħoss li jkun hemm ċirkostanzi fejn membru jkollu bżonn jikkomunika b'mod informali u dirett. Ikun hemm bżonn li jintbagħtu xi ritratti jew videos. Għal dan il-għan, ġie mniedi servizz ta' Whatssapp bin-numru 79426670. Dan is-servizz huwa riservat biss għall-membri tal-Union.

**Shop Stewards**
L-MPU temmen li l-kuntatt dirett mal-membri huwa importanti ħafna u għalhekk inħeġġiġkom biex tagħtu s-sehem tagħkom sabiex bl-għajnuna ta' kulħadd nimxu 'l quddiem. Dawk interessati għandhom jibghatu email fuq info@mpu.mt

**Miżata**
Nixtieq infakkar li l-miżata tagħna tista' titħallas online fuq www.mpu.mt permezz ta' paypal u fil-jiem li ġejjin sejrin ikunu qegħdin inżidu ħlas online permezz tal-credit card, Revolut, Bank Card (Visa,Mastercard Google Pay u Apple Pay) fl-uffiċċju tagħna jew permezz ta' membru tal-Kumitat jew Shop Steward. Il-miżata tagħna tiswa €20 għall-sena, €50 għal 3 snin u rata speċjali ta' €50 darba għall-RPC's. Membru ġdid jingħata sena addizjonali mingħajr ħlas.

Nixtieq infakkarkom ukoll li l-website tal-Union www.mpu.mt tinżamm aġġornata b'mod regolari u fejn hemm ukoll kull azzjoni li ħadet il-Union matul dawn l-aħħar xhur. Il-membri jistgħu jilloggjaw bil-password tagħhom sabiex jaċċedu għall-aħbarijiet u benefiċċji riservati għall-membri.

Insellmilkom ħbieb.



enemed
powering your drive
CLEANER, SAFER & SUPERIOR QUALITY FUELS
e POWER
e DIESEL
e POWER
e UNLEADED
enemed.com.mt




The New
Hyundai KONA
Electric
UP TO
500KM
RANGE
KONA
MOTORS INC
HYUNDAI SHOWROOM, MDINA ROAD QORMI, QRM 9010, MALTA
T. +(356) 2269 2259 | E. HYUNDAISALES@MOTORSINC.COM.MT
W. HYUNDAI.COM.MT | FB. /HYUNDAIMALTA | IG. @HYUNDAI_MALTA
8 YEAR BATTERY WARRANTY
5 YEAR UNLIMITED MILEAGE WARRANTY
HYUNDAI


Whatever the style of light fitting,
we've got it covered!
ess
ESS Ltd., Triq San Gwakkin, Imriehel. T: 2125 5777
www.ess.com.mt | essmalta


ulf
furniture
Industrial Estate , LQA 3000 Luqa
info@ulffurniture.com
+356 2125 0398 +356 7999 0119

Homemate

Malta's Largest Home Improvement Store

John Ripard & Son (SHIPPING) LIMITED

YOUR LOCAL AGENT
FOR INTERNATIONAL SHIPPING AND LOGISTICS

Offering reliable, **weekly,** direct FCL & LCL service from Far East, Spain, Turkey, UK , Italy & worldwide



msc

*Exclusive agent of MSC in Malta*

E: msc@jripard.com / sales@jripard.com
W: jripardshipping.com
T: +356 25686553

Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com

Specialising In:

- Skylights
- Fiber Glass Flag Poles
- Water Gutters
- Raised Flooring
- Manhole Covers
- Street Furniture
- Raised Flooring
- Liquid Membrane
- UPVC & Aluminium Apertures
- All Type Of Staircases











Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD


DINE IN VALLETTA
PARK AT...
MC P CAR PARKS
SPECIAL RATE AFTER 1 PM
€3.00
Excluding special events
T: 2125 0055
facebook.com/mcpcarparks
www.mcpcarparks.com.mt


WÜRTH
WÜRTH
eshop.wuerth.com.mt
Würth Limited, Würth Centre, Mdina Rd., Zebbug, ZBG 9016 - T:2149 4604


PINCOTT
SECURITY
Established 1972
Address: 185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta.
Tel: 21330200 / 21311683
Fax: 21343908
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com

POU GWU
Police Officers Union

minn PS 1583 Steve Spiteri – Viċi President

**Id-Distrett**
Il-problema ta' nuqqas ta' nies xi ftit jew wisq kulħadd jgħid li għandu però meta tħoss il-polz tad-distrett, hemm ċertu sitwazzjonijiet li tabbuża tgħid li mhumiex aċċettabbli. Mhux ser insemmi l-każijiet għax huma ovvji. Li jkollok surġent ilaħħaq distrett sħiħ huwa xi ħaġa 'normali' għalkemm mhux aċċettabbli imma riċentement sikwit infurmawna li spiċċaw ilaħħqu żewġ distretti. Għalkemm stressanti fuq l-uffiċjali li jkunu xogħol, ibagħti wkoll il-klijent tagħna li fl-aħħar mill-aħħar nistgħu nkunu aħna stess. Minbarra dan kollu, id-distrett huwa kważi l-uniku post fejn l-Ispecial Duty Allowance mhumiex intitolati għalih. Il-P.O.U. / G.W.U. ha tibqa' tippersisti li d-distrett għandu jkollu allowance għalih ukoll.

**Dritt tal-avukat**
Il-Police Officers Union mill-bidu ta' din is-sena kellna 'l fuq minn sebgħa u sebgħin talba għal assistenza legali. Dawn ivarjaw minn crimes, membri involuti f'inkjesti, ittri legali u oħrajn. L-assistenza legali li tiġi offruta mill-P.O.U. / G.W.U. hija minn l-avukat bravu Dr. Herman Mula. Minn hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzjah tax-xogħol siewi li jagħmel.

**Change agents – bidla għall-aħjar?**
Dan l-aħħar smajna ħafna l-frażi Change agent. X'inhi din iċ-Change agent? Mhux biss x'xinhi, iżda x'se jinbidel? Il-bidla mhux kullħadd jieħu pjaċir biha, ghalkemm mhux regola iżda hija xi ħaġa normali li wieħed joqgħod lura milli jagħmel pass lejn il-bidla u din għal diversi raġunijiet. Fost dawn ir-raġunijiet wieħed iħossu diffiċli li ħa jiċċaqlaq mill-comfort zone tiegħu/tagħha. Tisma' lil min jgħidlek, "Kif qiegħed naf u kif ħa niġi ma nafx". Jien personali wieħed minnhom. Iżda meta wieħed joqgħod jaħseb sew din hija okkażjoni fejn wieħed jista' mhux talli jipponta subajh lejn x'hemm ħażin iżda għandu l-possibilità li dawk l-affarijiet li ngħidu li huma ħżiena naraw kif nistgħu nbiddluhom. Mhux talli ħa nibqa' passiġġier u mmur fejn il-Korp sejjer irrelevanti jekk jogħġobnix jew le iżda talli għandi l-possibilità li ndawwar ir-rotta biex l-affarijiet isiru sewwa. Ovjament din ma ssirx kemm itteptep għajnejk, iżda bid-djalogi u laqgħat fejn tingħata l-opportunità li tagħmel il-punt tiegħek u jekk ikun wieħed validu għandu jittieħed inkonsiderazzjoni u eventwalment jiġi implimentat. Din hija opportunità tajba ħafna li wieħed ma għandux iħalliha għaddejja u ma jiħux interess. L-aktar ħaġa importanti hija li fejn ħa jkun hemm suġġeriment li hu tajjeb u li jkun jista' jiġi attwat, il-Korp għandu jimplimentah. B'hekk biss il-bidla tkun suċċess.

**Paceville**
L-aktar ħaġa frekwenti li ssib jekk tidħol fil-paġna ta' Facebook 'Police force employees' hija, "Għal min hu interressat għandi Overtime Paceville…" eċċ… umoristikament taf issib min joffri xi kannoli wkoll biex iħajjar lil dak li jkun. Naħseb li waħda mit-tgergir riċenti hija Paceville overtime bilfors. Il-Police Officers Union diversi xhur ilu kienet proponiet li jkun hemm skwadra speċjalizzata għal Paceville. Fejn fost allowance tajjeb u shift għandhom ikollhom training adekwat regolari għal isfidi li jġib miegħu Paceville. Aħna lesti biex noqogħdu ma' mejda mal-amministrazzjoni biex naraw l-aħjar kundizzjonijiet għal din l-iskwadra sabiex wieħed japplika għaliha.

**Għawdex**
Il-Kumitat tal-P.O.U. / G.W.U. ġie infurmati li qed ikun hemm vettura b'żewġ membri li kienet qed tagħmel l-istess xogħol bħal mobile squad iżda kienu mingħajr allowance. Saret talba biex dawn jiġu regolarizzati u jkun hemm żewġ vetturi patrol bl-istess kundizzjonijiet. Nirringrazzjaw lill-Kummissarju, is-sur Angelo Gafà u l-amministrazzjoni talli laqgħu din it-talba u filfatt beda proċess biex dan isir.

**Shopstewards**
Ma nistax ma ngħidx grazzi lix-shopstewards tagħna li għandna mifruxin fid-distretti, branki u postijiet oħrajn. Bis-saħħa ta' dawn il-membri u l-entużjażmu u determinazzjoni konġunt mal-kumitat, bil-fatti qegħdin nagħmlu d-differenza għal pulizija li huma membri magħna. Kull min jixtieq li jkun shopsteward mal-P.O.U. / G.W.U. jew jixtieq ikun jaf aktar informazzjoni tax-xogħol u responsabilità tagħhom nitolbu jagħmel kuntatt magħna jew b'email jew fil-paġna ta' Facebook tagħna u xi ħadd mill-kumitat jagħmel kuntatt miegħu.

**Pagamenti fix-xahar tal-miżata**
Għal dawk li jixtiequ jidħlu membri fil-Police Officers Union fi ħdan il-General Workers Union għandhom jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt ma' Shopsteward milli għandna mifruxin fid-distretti u branki, jew jagħmlu kuntatt ma' xi membru tal-kumitat. Wieħed jista' jibgħat email u jħalli d-dettalji tiegħu u xi ħadd mill-kumitat jagħmel kuntatt ma' dak li jkun.

Sabiex wieħed jissieħeb fil-P.O.U. / G.W.U. introduċejna sistema ġdida ta' ħlas. Membru jista' jagħżel li jinqatgħulu awtomatikament €3.85 minn kull paga. Għal min huwa diġà membru u jixtieq japplika għal din is-sistema nitolbu jibgħat email fuq policeofficersunion@gmail.com u nkunu nistgħu immexxuh aħna.

Meta wieħed jissieħeb mal-P.O.U. / G.W.U. awtomatikament ikollu dritt għal diversi offerti li għandna. Jekk wieħed jidħol fil-paġna tagħna ta' Facebook jara dawn l-offerti. Però apparti l-offerti, membru jidħol magħna għas-serjetà, għas-servizz offrut u spalla individwali u kollettiva għal meta jkun hemm il-bżonn.

Grazzi lill-membri tagħna tas-sapport kontinwu tagħhom.


BRIDGEPOINT
BRIDGEPOINT SHOWROOM, OLD RAILWAY TRACK, ST VENERA
2792 2222 // WWW.BRIDGEPOINTMALTA.COM


medcomms
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
GARMIN
Now is the perfect time to move


econetique
EXPERTS
for your
tailor-made
solution
PV Grants &
Feed-in Tarrifs
ARE OUT
CONTACT US NOW
Turn Green with Econetique
Xewkija Industrial Estate Xewkija
FXB House, Mdina Road, Qormi
Tel: 2155 0604
info@econetique.com


ENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Importers & Suppliers of:
• Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
• Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
• Different Types of Cement (grey & white)
• Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
• Gypsum in bags & other building materials
FOR BEST QUALITY & SERVICE
Office: 21 232 920 / 21 667 050
Office: 99 497 023 / 99 992 920
Office: 21 221 659
Silo Mobile: 99 064 033
Silo Mobile: 99 431 787
CENTRAL CEMENT LIMITED
MALTA
Type II/A-LL
35 YEARS
EXPERIENCE
'CemHouse', National Road,
Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com


Bring excellence
to what we do best
Investing in port facilities in Malta's
Grand Harbour ensuring scale and
reliability to local and international
Maritime and Oil and Gas industries
mmh.com.mt
mediterranean
maritime HUB
MMH


GMF
PRECAST LTD.
YOUR PARTNER IN CONSTRUCTION
Suppliers of Prestressed
and Precast Works
Tel: 21434682, 99437538,
Fax: 21437419

# Malta Association of Retired Police Offers

L-intervista tal-lum se tlaqqagħna mas-Sindku Mario Calleja

Nhar il-11 ta' Mejju, 2021 f'ġurnata perfetta tar-rebbiegħa flimkien ma' Joe Borda, il-kaxxier, tlaqna lejn ir-raħal pittoresk ta' Marsaskala. Kellna laqgħa mas-sindku, fejn morna lura fiż-żmien. Twieled fis-sena 1957, ġewwa Ħal Tarxien, imma għal dawn l-aħħar 30 sena tefa' l-ankri ġewwa Marsaskala. Kuntistabbli u Surġent tal-Pulizija bin-numru 800.

Propjament il-qasam li studja huwa fis-settur turistiku, imma missieru kien suldat fis-servizz Brittaniku u eventwalment mal-Forzi Armati ta' Malta. L-uniformi dejjem stirata d-dar u dixxiplina militari, imma wensija tal-familja. Fis-sena 1979, ħabib tiegħu ħajru jidħol fil-Korp tal-Pulizija u wara l-ġurament, dak iż-żmien mingħajr akkademja, mill-ewwel ġie stazzjonat fuq xogħlu. L-akkademja daħlet wara u minn żmien għal żmien kienu jsejħulhom sabiex jingħataw lezzjoni fil-liġi, kif ukoll fil-proċedura. Sab postu l-ewwel fl-HR, wara ftit taż-żmien fit-Taqsima tat-Traffiku, fid-distrett tal-Ħamrun u Raħal Ġdid. Sentejn wara sar surġent u reġa' sab postu fit-Taqsima tat-Traffiku u għamel żmien ukoll fl-Għassa ta' Bormla. Fis-sena 1987 sar spettur u kien stazzjonat iż-Żurrieq u Ħaż-Żabbar.

L-akbar sfidi f'dawn l-irħula kienu, u sa ċertu punt għadhom, il-festi li huma magħrufa għalihom. Irid ikollok interpersonal skills tajbin sabiex tkun tista' bl-għajnuna ta' sħabek tmexxi meta jkun hemm taqtigħ ta' qalb.

F'waqtiet innutajna li minn ħin għal ieħor, il-mobile tas-Sur Calleja ma tantx qagħad kwiet u kellu telefonata mingħand persuna li żmien ilu kien ressqu l-Qorti fuq każ partikolari. Hawn stajna naraw il-ġentilezza li dejjem emmen fiha s-Sur Calleja, mill-mod kif jitkellem man-nies. Imma għas-Sur Calleja, kemm il-vittma, kif wkoll l-akkużat għandhom jingħataw id-dinjità tagħhom waqt li l-vittma jinnżamu kuntatt miegħu. Hekk ukoll l-akkużat, għandu sa fejn possibbli, jiġi infurmat u dan il-proċess jibda meta tiltaqa' miegħu l-għassa. Inzerta dan li ċempel lis-sindku kien wieħed minnhom, li talab għajnuna rigward kif għandu jagħmel sabiex jattendi korsijiet li s-Sur Calleja huwa lettur tagħhom.

Waħda mill-ewwel esperjenzi koroh, kienet meta ġuvni li mar jixtri flixkun luminata u kien sejjer lura d-dar, il-flixkun sploda u fetaħlu sidru. Weġġa' gravi, imma peress li ħa azzjoni fil-pront billi ċempel l-ambulanza, dan il-ġuvnott wasal l-isptar fil-ħin fejn wara li ġie operat u rikoverat, ħareġ mill-isptar. Sodisfazzjon kbir meta l-kirurgu ċempillu u qallu li l-ġuvnott ma kellux aktar minn ħames minuti ħajja li ma tteħditx deċiżjoni fil-pront. Għadhom ħbieb sal-lum u kull meta jiltaqgħu jurih il-ferita.  Irrakkonta wkoll esperjenza li bdiet meta kien fil-pulizija



u kompliet fl-ewwel ġurnata li ħa l-ġurament ta' sindku. Daħal rapport ta' Sudden Infant Death Syndrome (SIDS), jew cot death, u tistgħu taħsbu x'niket waqa' fuq din il-familja li kienet l-ewwel tarbija tagħhom. Sab diffikultà, għaliex il-ġenituri ma ridux jitilqu t-tarbija minn idejhom. Wara li għannaqhom qalilhom li jinsab ċert li għad ikollhom tarbija oħra ma jdumux. U minn dak il-ħin irrassenjaw u taw it-tarbija sabiex tittieħed lejn il-kamra mortwarja. Ftit tax-xhur wara, l-orderly qallu li hemm koppja jixtiequ jkellmuh personalment. Kienu l-istess koppja u tawh l-aħbar li daqt ser jerġgħu jħaddnu tarbija fi ħdanhom. Inzerta li meta kien hemm ir-riċeviment wara l-għoti tal-ġurament tas-Sindki, ġiet waitress u staqsitu jekk kienx l-eks spettur Calleja u qallha iva, imam li mhux jagħrafha, qaltlu li hija dik it-tarbija li twieldet wara l-mewt ta' ħuha. Avveniment li jibqa' minqux f'moħħu għal dejjem.

Qtil ta' persuna ġie riżolt, minħabba li meta jkollu n-nies quddiemu sabiex jinvestiga, b'tali mod li l-persuna quddiemu jifhem li l-Pulizija qed tagħmel xogħolha u jipprova bħal uffiċjal jiftaħ għajnejn l-imputat sabiex ma jaqbadx dik it-triq u żżomm sakemm possibbli kuntatti regolari. B'dan il-mod irnexxielu jistabbillixxi l-mottivi u anke min kienu l-aggressuri. Kien stazzjonat CID, Frodi u Vice, fejn huwa kien minn tal-bidu f'din it-Taqsima Kontra l-Vizzji. Meta mistoqsi fi ftit kliem kif jiddeskrivi l-irwol u n-nies li jiffaċċjaw magħhom l-uffiċjali li jaħdmu f'din il-branka, f'sentenza waħda qalilna "uġigħ tal-qalb tal-familja". Semma' wkoll meta l-Kummissarju Alfred Calleja introduċa membri tas-CID fid-distretti.

Wara 17–il sena fil-Korp, minħabba raġunijiet ta' saħħa telaq, u wara għamel żmien bħala investigatur ta' madwar 12–il assigurazzjoni fuq frodi bħala freelancer. Minn hawn ħass li kellu jerġa' jibda jaħdem fis-settur turistiku, li tant kien għal qalbu. Ġie offrut kariga ta' Assistant General Manager ta' lukanda u wara flimkien ma' ibnu Glen daħlu għan-negozju f'ħanut tal-merċa.

**Missjoni - Perù**

Fis-snin 2004, 2009 u 2013, Mario tela' l-missjoni, fejn hemm l-Isqof Giovanni Cefai Camilleri MSSP. Mhux daqshekk faċli li taqbad u tmur il-missjoni, fil-fatt kien prova qabel iżda lil min avviċina qallu li hija esperjenza li mhux kulħadd jiflaħ għaliha u qallu biex jinsieha. Dan minħabba l-fatt li trid titgħallem l-Ispanjol u tara esperjenzi ta' ħafna mwiet u faqar esaġerat. Mario qatt ma qata' qalbu u ħabbat bieb ieħor fejn laqqgħu ma' Ġovann, missjunarju l-Perù.

Hawn Mario jirrakkonta esperjenza sabiħa li għadda minnha biex wasslitu jieħu dik id-deċiżjoni u jmur jgħin dawn in-nies foqra u vulnerabbli. Waqt li kien qed isuq fil-viċinanzi tal-kunvent / skola tas-sorijiet ta' Ħaż-Żebbuġ, huwa u jaqbad it-triq għan-niżla lejn Ħ'Attard jisma' l-istazzjon Radju Marija, l-isteering beda jitriegħed taħt idejh meta sema' d-diska 'Iddeċidejt', u bħal leħen beda jgħidlu għandi bżonnok. Fetaħ qalbu ma' persuna fejn għaddielu l-kuntatt ta' Fr. Ġiovanni.

Trid taqbad erba' ajruplani u fl-ajruport sab streamer bl-Ispanjol li jgħid 'Merħba bik, Sindku ta' Malta'. Meta ra l-istreamer tbissem, għaliex hu sindku ta' lokal u mhux ta' Malta. Hawn xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li joffru d-donazzjonijiet, għaliex inxtara vann għall-missjoni li jintuża mir-reliġjużi għall-bżonnijiet tal-komunità. Mario qalilna kemm dawn l-esperjenzi ma' dawn in-nies għallmuh ħafna. Illum jista' jikkonferma kemm il-flus m'huma xejn ħdejn il-kuntentizza u li tkun magħqud m'Alla biex tagħmel u tkattar aktar ġid. Kemm hawn min hu għani iżda fqir fil-ferħ u l-kuntentizza?

Hawn semma' żewġ episodji ftit ħelwin, għalkemm kieku kien pulizija fil-Perù kien ikollu jinvestiga. Darba waqt funeral meta kulħadd kien fil-knisja, xi ħadd seraq ir-roti tal-karozza tal-mejtin u kellhom jerġgħu jixtruhom. Ukoll meta kellhom jitimgħu xi 300 persuna, peress li huwa kok, xtraw xi majjal u ħaduh il-forn, l-unika forn fl-inħawi. Ġara li meta marru għad-dixxijiet, sab li minn kull dixx ġie nieqes il-laħam. Hawn ippanikkja ftit, imma Mario qal li mhux talli ħadd ma naqaslu l-ikel, imma kien fadal, u tqassam.


Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202 | 21449641
floor tiles: 21482849
carINI
www.carinibathrooms.com


WOOD PRODUCTS &
CONSTRUCTION EQUIPMENT
Cortis
TIMBER
your success is our aim
OPENING HOURS: Monday to Friday from 7am till 5pm
Saturday from 7am till Noon
Zebbug Mdina Rd • t: 2146 1758 / 9 • e: info@cortisgroup.com
www.cortisgroup.com
www.facebook.com/CortisGroupCalibreIndustries


Elegance on Wishlist
Ta' Qali - 21445733 - Gozo 22264620 - www.orienta.mt

Fis-sena 2006, ħajruh sabiex joħroġ għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Sar sindku mill-ewwel peress li kien ġab l-akbar ammont ta' voti. Minn dakinhar baqa' jiġi elett bħala sindku. Huwa jiftakar Marsaskala b'popolazzjoni ta' 7000 persuna, iżda issa irdoppjat għal 15000, u fis-sajf 30000. Iqatta' ħin kemm fuq xogħol amministrattiv kif ukoll idur mal-lokalità kollha, speċi dak li qed jagħmlu l-Community Police. Dak li assorba mill-Korp qed iwettqu f'xogħlu bħala sindku. Is-Sur Mario huwa miżżewweġ għat-tieni darba. Għandu bint u żewġ subien, iżda fil-preżent flimkien ma' martu Mary Grace għandu responsabbilità ta' żewġ ġuvintur oħra tagħha. Ilu jaf lill-mara għaxar snin u żżewġu ħames snin ilu, f'Settembru. Iż-żewġ ulied, Glen u Jan, ingaġġaw ukoll fil-Korp tal-Pulizija u hu kuntentissimu bihom. Issa huwa għandu grad ieħor, ta' nannu. Membru tal-Ordni ta' San Lażżru li tagħmel ġid u tikkontribwixxi f'donazzjoni lill-fqar u kawżi ġusti oħra.

Temmejna l-laqgħa tagħna mas-Sur Mario Calleja billi qalilna, "Once a Policeman always a Policeman u minkejja l-fatt li ilni bil-pensjoni tal-Korp tal-Pulizija s-snin, xorta waħda għadni nġorr responsabbiltà enormi u nħoss li l-uniformi għadha mkaħħla miegħi sa-lum u ċert li tibqa' sakemm nagħlaq għajnejja."

Kitba: Martin Pace
*Ex PC 24*

**Il-ħlas lura tal-Mutual Help Association (tal-mejtin)**

Minkejja li kellna diversi okkażżjonijiet fejn spjegajna kif qed isir il-ħlas b'lura ta' dak li wieħed kien ħallas matul iż-żmien għall-General Fund, xorta għad hawn min qed jistaqsi dwar kif u meta jsir dan il-ħlas. Kemm fil-laqgħat li kellna kif ukoll fuq dan il-magażin, u fuq il-paġna tagħna tal-Facebook, dejjem spjegajna dan kollu. Nerġgħu nirrepetu ftit għall-benefiċċju ta' kulħadd. Bħala regola obbligatorja kull membru tal-Korp kien irid iħallas kontribuzzjoni ta' €13.98 kull tliet xhur, jiġifieri €55.92 fis-sena. Wara li wieħed jirtira kellu l-għażla li jekk irid ikompli jikkontribwixxi. Mingħajr ma noqgħod nidħol fid-dettall ta' kif wasalna għad-deċiżjoni tal-lum, issa dan il-ħlas waqaf mill-1 ta' Jannar 2018.

Ġie miftiehem bejn il-Kummissarju, il-Unjins tal-Pulizija u l-MARPO, li kull membru li kien regolari fil-ħlas sal-aħħar tas-sena 2017 jirċievi ħlas lura ta' dak kollu li kien ħallas matul iż-żmien bir-rata tonda ta' €14, jiġifieri €56 kull sena. Bdew jitħallsu l-ewwel il-werrieta ta' dawk li mietu u l-ħlas tagħhom kien miżmum. Imbagħad issokta l-ħlas ta' dawk l-aktar anzjani u wara jibqa' jitkompla l-ħlas lil dawk li jiġu wara u tibqa' sejra hekk sakemm jitħallas kulħadd.Li qed jiġri llum huwa li ħafna qed jistaqsu meta se jirċievu dan il-ħlas. Kif spjegajt aktar qabel, il-ħlas qed isir kif miftiehem u qed isir skont il-lista ta' anzjanità fis-servizz. Wieħed irid jiftakar li dan il-ħlas kien isir wara l-mewt ta' dak li jkun u mhux kif wieħed qed jippretendi issa li l-ħlas isir f'ħajtu. Ħafna drabi qed jiġri, li l-ħlas dak li jkun jirċivih f'ħajtu. Fuq kollox ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-flus li qed jitħallsu qed jiġu mill-fond li fih jikkontribwixxu l-membri tal-Korp. Dan mhux hemm xi fond ta' flus miġbura u qed isir il-ħlas minnu. Hemm fehma soda u deċiżjoni li kulħadd se jitħallas.

Raymond Zammit - Segretarju

**MIŻATA**

Kull min għadu ma ħalasx il-miżata ta' €5 ta' din is-sena huwa ġentilment mitlub li jaġġorna ruħu. Dan jista' jsir billi jibgħat ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustah f'dan l-indirizz:
MARPO, P.O. Box 36, Birkirkara.
Il-Membri Għawdxin jistgħu jħallsu l-Uffiċċju tal-Għassa Rabat, Għawdex.

**KORRISPONDENZA**

Ghal kull korrispondenza tistgħu tibagħtu fuq l-indirizz elettroniku: 2011marpo@gmail.com

**FACEBOOK**

Tistgħu ssibuna ukoll fuq Facebook: www.facebook.com/groups/169033156537654/

Eks-Surġent
Joseph Borda
*Teżorier*







**MCS ORIGINATED IN 1996 WITH AN AMBITION TO BRING THE LOCAL BUILDING MARKET AND HOME DECORATION IN LINE WITH OTHER NEIGHBORING COUNTRIES.**

As a project manager having experienced lack of materials that can withstand humidity, heat, water and fire, I decided to fulfill my task and satisfy my needs by importing the right materials for the right jobs without compromising on quality, which in return gives you lifetime enjoyment of your work.

Most of our products are meant for, 'do it yourself' jobs, saving on cost of labour, that can be invested in best quality minerals and technology, which in return does not require frequent maintenance or none at all. Eco materials with thermal and sound proofing are today's most sought after products.

Our only fault is that our products are indestructible. Join us in this walk and leave behind you a better world.

**MCS Building Solutions**
No 6, Triq is-Snajja, Zebbug, Malta
Tel: 2146 6333 Mob: 7947 3038
Email: info@mcsmalta.com **www.mcsmalta.com**




V&C GROUP
ROAD CONSTRUCTION | CONSTRUCTION MATERIAL SUPPLIES | EXCAVATION |
DEVELOPMENT | MANUFACTURING | RETAIL | EDUCATION | HOSPITALITY
V & C Group, Whyte Harte Triq il-Kostinjus Naxxar, NXR 6352
+356 21 420 086 / +356 79 494 661 / +356 79 572 241
info@vccontractors.com
www.vccontractors.com


fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


RASHIELD
Rashield
CEMENTITIOUS ELASTOMERIC BI-COMPONENT MEMBRANE
Rabond FlexPLUS
PROFESSIONAL TILE ADHESIVE
25Kg
RABOND FLEX PLUS PROFESSIONAL TILE ADHESIVE
SUPERIOR
ROOFING FINISHES
R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
www.rasonsltd.com
info@rasonsltd.com | sales@rasonsltd.com
Gruwa Street, Xewkija XWK 2903 Gozo, Malta
(+356) 2155 6722 | 7950 5040
Warehouse N° 23, Hardrocks Industrial Park, Burmarrad NXR 6345, Malta
(+356) 2155 9369 | 7950 5041



# Paġna tal-Isports

**Scuba Diving Event**

Nhar id-29 ta' Ġunju 2021, l-MPSC organizzat l-ewwel attività wara żmien twil ta' waqfien kaġun tar-restrizzjonijiet minħabba l-pandemija tal-Covid-19. It-tieni edizzjoni tal-Iscuba Diving Event, ġewwa Qui si Sana, Tas-Sliema. Bl-għajnuna tal-kumpanija 'Dive Shack', din l-attività setgħet tlaqqa' diversi parteċipanti li kienu imħallta bejn min qatt ma kien ħa sehem u dawk li kienu diġà esperjenzaw din l-attività. Ta' min jgħid ukoll li kienet l-ewwel tip ta' attività li kienu mistiedna membri mhux biss tal-Korp, imma anke xi qraba jew familjari.

Bis-superviżjoni ta' instructors ta' esperjenza, il-parteċipanti ġew maqsuma fi gruppi ta' erbgħa min-nies u wara li ngħataw taħriġ bażiku, ingħatat bidu għal din l-esperjenza ferm sabiħa, fejn wieħed jista' jgħid illi tassew hija dinja oħra.

Il-kumitat iħeġġeġ membri fi ħdan il-Korp sabiex jipparteċipaw għal dawn u aktar avvenimenti li huma pjanati li jsiru aktar 'il quddiem. Wieħed jifhem li wara perjodu twil ta' waqfien, li terġa' tkun attiv f'dawn it-tip ta' avvenimenti hija diffiċli, iżda b'daqsxejn ħeġġa u determinazzjoni kollox huwa possibbli.

**Kayak Event**

Nhar l-24 t'Awwissu 2021, ġiet organizzata għat-tieni darba attività bil-kayak, ġewwa l-Bajja tal-Ġnejna għall-membri tal-Korp u anke tal-pubbliku. B'kollox 34 parteċipant ħadu sehem f'din l-attività ferm sabiħa, f'baħar tassew kalm. Minn dawn il-membri kien hemm min kellu wkoll il-kayak personali tiegħu u ħatfu din l-okkażżjoni sabiex jingħaqdu mal-membri l-oħra.

Minn hawn l-MPSC tixtieq tirringrazzja lill-Ġnejna Watersports Malta li ħa ħsieb sabiex dan l-avveniment iseħħ.



## Atletika

Fl-1 ta' Awwissu 2021 ġew organizzati l-Kampjonati Nazzjonali tal-10,000 metru ġewwa t-trakka tal-Marsa biex jiddetermina ċ-Champion ta' Malta fuq din id-distanza. Dan wara li t-tlielaq fit-toroq ġew ikkanċellati kollha minħabba l-imxija tal-Covid-19. Fi sħana u umdità kbira, it-tellieqa daret f'waħda tattika bejn Charlton Debono, PC 346 Andrew Grech u David Borg li kien fuq quddiem għal mumenti twal tat-tellieqa. Ir-rebbieħ tat-tellieqa kien Charlton Debono, b' Andrew Grech jidħol fit-tieni post, kif ukoll jiġbor l-unur tal-ewwel fil-kategorija 40+. Andrew Grech minn hawn xtaq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà, kif ukoll lill-MPSC tal-appoġġ li dejjem sab.




## Attivitajiet fil-ġejjieni

Il-Kumitat Sportiv bħal dejjem ikun għaddej jaħdem u jippjana attivitajiet oħra sabiex il-membri tagħna jkunu jistgħu jieħdu sehem fihom. Riċentament intbagħtet talba lill-membri kollha tal-Korp sabiex min hu interessat, jingħaqad mat-Teams tal-Futbol tal-Pulizija. Din hija opportunità tajba sabiex wieħed jirsisti sabiex ikollu l-opportunità li jintgħażel. Wara li ser issir din l-għażla, dawn il-membri ser ikunu qegħdin jieħdu sehem fil-league tal-MESA, li jkun league bejn dipartimenti oħra li bħal kull sena, ikunu qegħdin jieħdu sehem fih.

Attività oħra li l-kumitat qed jaħdem fuqha huwa t-tournament tal-futbol li jsir bejn it-taqsimiet u distretti tal-Korp. Aktar informazzjoni ser tkun qed tiġi mgħotija fiż-żminijiet fil-qrib.

Il-kumitat qed ikollu wkoll taħdidiet sabiex issir il-famuża u tant mitluba Go Karting Event. Fis-snin ta' qabel din l-attività kienet qed issir ġewwa t-trakka tal-Mosta, eżattament ġewwa l-Badger Karting. Iżda peress li din it-trakka ingħalqet, qegħdin nagħmlu minn kollox sabiex din l-attività tibda ssir fit-trakka l-ġdida ġewwa Ħal Far. Aktar informazzjoni tkun qed tingħata fiż-żminijiet li ġejjin.


BE A SUPERHERO
EAT HEALTHY, BE STRONGER, LIVE LONGER
Jesper's™
Danish Bakery
Danish Bakery Quality Product
Trade Enquiries:
2248 3600
jespers@danishbakery.net
danishbakery.net
Jesper's™


PISANI TRADITION
SINCE 1884
DewFresh
Discover Our Chicken Range
Bite into Superior Quality
www.dewfreshproducts.com


Free Delivery
21693353
Roadside Café
Roadside
Bolt Food
Wolt
Roadside Café & Lounge , J.Micallef Service Station, Tal-Barrani Rd. Zejtun
Opening Hours: Monday to Friday 6:30-15:00
Saturday 6:00 - 15:00 , 17:00 - 23:00
Email: roadside@jmicallefgroup.com.mt









my family



*Free engraving with every tag purchased*






*Borg Cardona Pet Supplies*
*Triq It-Tabib J.Zammit,*
*Balzan*

*www.borgcardona.com.mt*
*sales@borgcardona.com.mt*

BORG CARDONA & CO. LTD.

# Rokna ta' tfal

Tpinġija mit-tfal




**Nicole Marie Cilia - 9 snin**

*Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-pagna, permezz ta' kitba relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jaghmlu dan billi jaghmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq* ***magazine.police@gov.mt***






# Apprezzamenti

Mingħand il-Kommunità

**Sur Kummissarju**
Hassejt li nkun qed nonqos jekk ma niktiblekx biex nuri l-apprezzament tieghi ghall-azzjoni mmedjata li hadu zewg ufficcjali tal-pulizija: PO 455 u PO 627 li kienu fuq servizz fl-ghassa tal-Marsa nhar l-Erbgha 14 ta' Lulju 2021 ghal xi tmienja ta' filghaxija (20.00).

Dawn iz-zewg ufficjali PO 455 u PO 627 hadu azzjoni mmedjata kif jien mort l-ghassa nirraporta li kien hemm borza sewda li kienet trejjah hafna mitfuha fuq cint imwaqqa ta' ghalqa fi triq Upper Cross Road li tinsab mal-gemb tal-knisja tat-Trinita' tal-Marsa. Xi hadd irresponsabli xehet din il-borza fuq dan ic-cint. Din il-borza holqot irwejjah insupportabli kif ukoll suspettuzi.

Qed nikteb biex nuri l-apprezzament tal-azzjoni mmedjata li hadu dawn iz-zewg ufficjali tal-korp. Fil- fatt fit wara gew mill ' Cleaning Department ' u gabru l-borza.

**From a facebook post,**

I would like to commend PC 1505 from the St. Julian's Police station for his professionalism. My mum faced a problem and he did his job diligently and effortlessly in no time as he gave a priority to the matter. This is the kind of police I love to see in Malta to generate further trust and perceive him a friend of the honest, law abiding citizen.

**From a facebook post,**

On behalf of my mother I would like to thank all the Police at Paola Station who worked on her case. You were truly professional, from my reporting the case to the last phone call telling us the result of the sentencing. Once again thank you.

**From a facebook post,**

Today around 2:45pm my bag was stolen in Qui Si Sana, Sliema and after tracking my phone, the police on shift at the Zurrieq station were very helpful and with no hesitation, took me to where my phone was located and managed to find the guy who stole it. I would like to personally thank PS 2138, PC 420, PC 398 and PC 151.

# Obitwarju



**Ex PC 24**
**Paul Farrugia**
1947 – 2021
1965 – 1981



**Ex PC 952**
**Angelo Zahra**
1933 - 2021
1955 – 1980



**Ex PC 944**
**Carmelo Mintoff**
1927 – 2021
1979 - 1988



**Ex PC 1035 & 1427**
**Michael Brincat**
1936 - 2021
1957 – 1979 & 1987 – 1997



**Ex PC 301**
**Carmel Saliba**
1948 – 2021
1976 – 2001



**Ex SM 1041**
**John Cutajar**
1936 - 2021
1957 – 1981



**Ex PS 831**
**Lawrence Bordieri**
1959 – 2021
1979 – 2004



**Ex PC 422**
**Francis Calleja**
1944 - 2021
1968 – 2004



**Ex PS 346**
**John Saliba**
1944 – 2021
1966 – 2001



**Ex PC 941**
**Aurelio Schembri**
1932 - 2021
1956 – 1977



**Ex PC 787**
**Raymond Camilleri**
1973 – 2021
1992 – 2001



**Ex PC 1210**
**Spiridione Mifsud**
1948 - 2021
1969 – 1996



**Ex PC 1488**
**Michael Farrugia**
1964 – 2021
1994 – 2000



**Ex PC 754**
**Michael Grech**
1934 - 2021
1953 – 1978



**Ex PC 557**
**Joseph Camilleri**
1939 – 2021
1959- 1990



**Ex 2/SM**
**Alfred Fenech**
1939 - 2021
1957 - 1987


INVESTMENTS
YOU CAN
NURTURE
Invest in a Balanced
Portfolio Fund
An investment strategy that fits your personal risk
tolerance, as moderate as it might be.
Talk to us | 2131 2020 | infoassetmanagement@bov.com
Past performance is not a guarantee to future performance. The value of the investment can go down as well as up and any initial charges may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. The investments underlying this financial product do not take into account the EU criteria for environmentally sustainable economic activities. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The BOV Investment Funds is licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive. Issued by BOV Asset Management, TG Complex, Suite 2, Level 3, Triq il-Birrerija, L-Imrieħel BKR 3000, Malta. Tel: 21227311, Fax: 22755661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management
BOV
ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP


CONTACTLESS CARDS
JUST TAP & PAY
Visa Gold
BOV
Bank of Valletta
VISA
Credit
LONG PATH to
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta